Ref. Ares(2018)2800423 - 30/05/2018

GROWTH

Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs

# Gwida dwar l-Użu

# CPNP

## Portal għan-Notifikazzjoni tal-Prodotti Kożmetiċi

*Għall-Persuni Responsabbli u għad-Distributuri*

**L-Aħħar Aġġornament: 07/03/2018**

## L-UDJENZA FIL-MIRA

**Dan il-manwal hu maħsub għal utenti identifikati bħala "Persuni Responsabbli" jew "Distributuri" skont it-tifsira ta' hawn taħt.**

Dan jispjega l-funzjonijiet ewlenin tas-CPNP.

- **Persuni responsabbli fl-industrija kożmetika** u utenti li jaġixxu f'isimhom – imsemmija f'dan il-Manwal għall-Utenti bħala "Persuni Responsabbli";
- **Distributuri** li jagħmlu disponibbli fi Stat Membru prodott kożmetiku diġà mqiegħed fis-suq fi Stat Membru ieħor u jittraduċu, fuq inizjattiva tagħhom, kwalunkwe element tal-ittikkettar ta' dak il-prodott sabiex ikun konformi mal-liġi nazzjonali – imsemmija f'dan il-Manwal għall-Utenti bħala "Distributuri".

Il-qarrejja tal-manwal huma ġentilment mistiedna li jirrappurtaw kwalunkwe rimarka dwar dan il-Manwal għall-Utenti lil:

**grow-cpnp@ec.europa.eu**

# Werrej


## Ħarsa Ġenerali 1

Introduzzjoni ....1
X'inhu l-Portal għan-Notifikazzjoni tal-Prodotti Kożmetiċi (CPNP)? ....1
Liema informazzjoni jeħtieġ li tiddaħħal fis-CPNP? ....1
X'jagħmel is-CPNP bl-informazzjoni mdaħħla? ....1
Meta għandha tiddaħħal l-informazzjoni fis-CPNP? ....1
Termini Ewlenin ....2

## Biex Tibda 6

Rekwiżiti tas-Sistema ....6
Reġistrazzjoni ....6
Kif tagħti bidu għas-CPNP ....7
Din hi l-Interfaċċa ....8
Il-Paġna Prinċipali tas-CPNP ....8
Komponenti tal-Interfaċċa ....8

## Kif tuża s-CPNP 11

Persuni Responsabbli – Immaniġġjar Notifiki Skont l-Artikoli 13(1) u 13(2) ....11
Kif Tinnotifika Prodotti ....11
Editjar tal-Prodott ....34
Duplikazzjoni tal-Prodotti ....36
Ikkupjar tal-Prodotti Għal Organizzazzjoni Oħra ....37
Iċ-Ċaqliq ta' Prodotti Lejn Suborganizzazzjoni ....39
Jiġi Żgurat is-Segwitu tan-Notifiki tal-Prodotti ....40
Kif Tara d-Dettalji tal-Prodotti ....41
Immaniġġjar tal-Persuni ta' Kuntatt ....45
Distributuri li Jdaħħlu/Jaraw/Jeditjaw in-Notifiki (Artikolu 13(3)) ....47
Tidħil ta' Notifiki Ġodda Skont l-Artikolu 13(3) ....47
Konsultazzjoni tan-Notifiki Skont l-Artikolu 13(3) ....49
Editjar tan-Notifiki Skont l-Artikolu 13(3) ....50
Tweġib għall-Kummenti CAs/PICs ....51
Użu tal-Għodod tat-Tiftix ....52
Tiftixa Sempliċi ....52
Tfittxija Avvanzata ....53
Konsultazzjoni tan-Notifiki ....55

## Appendiċi 57

## Indiċi 65

# Ħarsa Ġenerali

## Introduzzjoni

### X'inhu l-Portal għan-Notifikazzjoni tal-Prodotti Kożmetiċi (CPNP)?

Is-CPNP hija sistema ta' notifika online bla ħlas, li nħolqot għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prodotti kożmetiċi[1].

(1) ĠU L342, 22.12.2009, p.59.

**Importanti**

Jekk jogħġbok innota li l-fatt li prodott ikun ġie nnotifikat b'suċċess permezz tas-CPNP ma jfissirx neċessarjament li l-prodott inkwistjoni jissodisfa r-rekwiżiti kollha tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 dwar il-prodotti kożmetiċi. Il-Persuna Responsabbli għandha tiżgura l-konformità mal-obbligi rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

### Liema informazzjoni jeħtieġ li tiddaħħal fis-CPNP?

Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 (Artikolu 13) jelenka l-informazzjoni li l-persuni responsabbli u, f'ċerti ċirkustanzi, id-distributuri tal-prodotti kożmetiċi għandhom jinnotifikaw permezz tas-CPNP dwar il-prodotti li jqiegħdu jew jagħmlu disponibbli fis-suq Ewropew.

### X'jagħmel is-CPNP bl-informazzjoni mdaħħla?

Is-CPNP jagħmel ftit minn din l-informazzjoni disponibbli elettronikament lill-Awtoritajiet Kompetenti (għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq, l-analiżi tas-suq, l-evalwazzjoni u l-informazzjoni għall-konsumatur) u liċ-Ċentri tal-Veleni, jew korpi simili stabbiliti mill-Istati Membri jew korpi simili stabbiliti mill-Istati Membri (għall-finijiet ta' trattament mediku).

### Meta għandha tiddaħħal l-informazzjoni fis-CPNP?

L-użu tas-CPNP sar **obbligatorju** mill-**11 ta' Lulju 2013**.

Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 (Artikolu 13) jeħtieġ li, **qabel it-tqegħid ta' prodotti kożmetiċi fis-suq tal-UE,** il-persuni responsabbli u, f'ċerti ċirkustanzi, id-distributuri ta' prodotti kożmetiċi jissottomettu xi informazzjoni dwar dawn il-prodotti permezz tas-CPNP.

# Termini Ewlenin

Uħud mit-termini ewlenin użati f'dan il-Manwal għall-Utenti huma riprodotti hawnhekk għall-faċilità tar-referenza:

## Sustanzi CMR

Sustanzi kklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008[1].

## Prodott b'komponent (wieħed jew aktar)

- **Prodotti b'komponent wieħed**
  "**Prodott b'komponent wieħed**" hu prodott kompost minn element wieħed. Eżempji: ġarra żgħira waħda ta' krema moisturiser, flixkun wieħed ta' xampù, tubu tal-lipstick, flixkun wieħed tal-aftershave, eċċ.

- **Prodotti b'aktar minn komponent wieħed**
  "**Prodott b'aktar minn komponent wieħed**" hu prodott kompost minn diversi komponenti li mhumiex ikkummerċjalizzati separatament. Eżempji: settijiet għaż-żebgħa tax-xagħar, kits għat-tqaxxir tal-ġilda, prodotti għal stili permanenti, kits kontra l-effetti tal-età/rivitalizzanti, eċċ.

Jekk jogħġbok innota li d-distinzjoni bejn prodott b'komponent wieħed u b'aktar minn komponent wieħed m'għandha xejn x'taqsam mal-fatt li l-prodott fih diversi ingredjenti/sustanzi jew wieħed/waħda biss fil-kompożizzjoni tiegħu! Komponent hu attribut/element ta' prodott, mhux ingredjent/sustanza.

Notifika relatata ma' prodotti b'aktar minn komponent wieħed tkun differenti minn dik ta' prodott b'komponent wieħed.

Is-settijiet mhumiex meħtieġa li jiġu nnotifikati bħala prodotti b'aktar minn komponent wieħed sakemm il-komponenti kollha li jiffurmaw dan is-sett ikunu ġew innotifikati individwalment.

## Persuna ta' kuntatt

Għal kull prodott kożmetiku nnotifikat, il-Persuna Responsabbli għandha tindika d-dettalji ta' kuntatt ta' persuna fiżika li tista' tiġi kkuntattjata jekk ikun hemm bżonn.

## CosIng

Din hi bażi tad-dejta tal-Kummissjoni Ewropea li fiha informazzjoni dwar sustanzi u ingredjenti kożmetiċi[2].

[1] ĠU L353, 31.12.2008, p.1
[2] http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/cosing/

## Prodott kożmetiku

“Prodott kożmetiku” tfisser kwalunkwe sustanza jew taħlita maħsuba biex tidħol fil-kuntatt mal-partijiet esterni tal-ġisem tal-bniedem (l-epidermide, is-sistema tax-xagħar, id-dwiefer, ix-xufftejn u l-organi ġenitali esterni) jew mas-snien u l-membrani mukużi tal-kavità orali bl-intenzjoni esklussiva jew ewlenija li tnaddafhom, tfewwaħhom, tibdel id-dehra tagħhom, tipproteġihom, iżżommhom f’kundizzjoni tajba jew tneħħi l-irwejjaħ tal-ġisem.

## Delegat għan-nanomaterjali

“Delegat għan-nanomaterjali” hu profil partikolari ristrett għan-notifiki skont l-Artikolu 16. Ir-rwol tad-Delegat għan-nanomaterjali hu li jdaħħal ċerta dejta fuq talba ta’ Persuna Responsabbli iżda biss għan-notifiki ta’ nanomaterjali mhux irregolati; **“Delegat għan-nanomaterjali” ma jistax jinnotifika prodotti bħala parti mill-Artikolu 13!**

L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1223 dwar il-prodotti kożmetiċi jeħtieġ li, minbarra n-notifika skont l-Artikolu 13, il-prodotti kożmetiċi li fihom nanomaterjali għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni mill-Persuna Responsabbli 6 xhur qabel ma jitqiegħdu fis-suq. Madankollu, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16 ma japplikawx għal nanomaterjali użati bħala koloranti, preservativi jew filtri tal-UV irregolati skont l-Artikolu 14, sakemm dan ma jkunx speċifikat b’mod espliċitu.  Biex tagħmel dan, il-Persuna Responsabbli tista’ tagħti mandat lil *Delegat għan-nanomaterjali*..

## Distributur

“Distributur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika fil-katina tal-provvista, apparti l-manifattur jew l-importatur, li tagħmel prodott kożmetiku disponibbli fis-suq Komunitarju. Id-distributuri jridu jissottomettu permezz tas-CPNP xi informazzjoni relatata mal-prodotti li jiddistribwixxu **biss jekk jixtiequ jiddistribwixxu l-prodotti fi Stat Membru tal-UE u jittraduċu - fuq l-inizjattiva tagħhom stess - xi element tat-tikkettar ta’ dawk il-prodotti biex ikunu konformi mal-liġi nazzjonali**. Il-prodotti inkwistjoni għandhom jiġu rreġistrati fis-CPNP minn qabel mill-Persuna Responsabbli.

## EU Login

L-EU Login (qabel magħruf bħala “ECAS”) hu s-Servizz ta’ Awtentikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li bih in-nies jistgħu jaċċessaw l-applikazzjonijiet u s-servizzi differenti offruti mill-Kummissjoni Ewropea.

## Formulazzjoni ta’ qafas

“Formulazzjoni ta’ qafas” tfisser formulazzjoni li telenka l-kategorija jew il-funzjoni tal-ingredjenti u l-konċentrazzjoni massima tagħhom fil-prodott kożmetiku jew tagħti informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva rilevanti kull meta prodott kożmetiku ma jkunx kopert jew ikun biss parzjalment kopert minn formulazzjoni bħal din.

## Importatur

“Importatur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fil-Komunità, li tqiegħed prodott kożmetiku minn pajjiż terz fis-suq Komunitarju.

## Amministratur lokali

Amministratur lokali hu persuna li tista' tmexxi t-talbiet ta' aċċess lill-organizzazzjoni li magħha tkun marbuta, kif ukoll id-dettalji tal-organizzazzjoni. Dawn l-għotjiet huma applikabbli għal amministraturi lokali biss. Dan hu rwol fl-SAAS. L-ewwel utent li joħloq organizzazzjoni fl-SAAS (Sistema ta' Awtorizzazzjoni ta' SANTE – jekk jogħġbok ara t-terminu ewlieni aktar 'il quddiem) biex jintalab aċċess għas-CPNP irid ikun l-amministratur lokali ta' din l-organizzazzjoni.

## Isir disponibbli fis-suq

"Isir disponibbli fis-suq" tfisser kull provvista ta' prodott kożmetiku għat-tqassim, il-konsum jew l-użu fis-suq Komunitarju matul attività kummerċjali, sew għall-ħlas jew b'xejn.

## Nanomaterjal

"Nanomaterjal" tfisser materjal insolubbli jew bijopersistenti u mmanifatturat intenzjonalment b'dimensjoni esterna waħda jew iżjed, jew bi struttura interna, fuq l-iskala minn 1 sa 100 nm.

## Organizzazzjoni

Għal CPNP organizzazzjoni tfisser jew "Persuna Responsabbli" (jew waħda mis-suborganizzazzjonijiet tagħha) jew inkella "Distributur".

L-Artikolu 19.1 tar-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi jiddikjara: *"…prodotti kożmetiċi jitqiegħdu fis-suq biss jekk il-kontenitur u l-imballaġġ tal-prodotti kożmetiċi jkunu juru t-tagħrif li ġej f'karattri li ma jitħassrux, li jinqraw faċilment u li jidhru sewwa: (a) l-isem jew l-isem irreġistrat u l-indirizz tal-persuna responsabbli..."*.

Jekk jogħġbok innota li meta toħloq organizzazzjoni bi profil tal-Persuna Responsabbli fl-SAAS, dan irid ikun jikkorrispondi għad-dettalji dwar il-Persuna Responsabbli li jidhru fuq l-ittikkettar!

## Tqegħid fis-suq

"Tqegħid fis-suq" tfisser l-ewwel darba li prodott kożmetiku jsir disponibbli fis-suq Komunitarju.

## Isem tal-prodott

L-isem tal-prodott irid ikollu biżżejjed dettalji biex jippermetti identifikazzjoni speċifika tal-prodott kożmetiku.

Dan għandu jinkludi l-marka kummerċjali/ditta, il-linja tal-prodott u l-isem speċifiku tal-prodott kif jidhru fuq l-imballaġġ. L-isem komplut għandu jinkludi wkoll il-funzjoni sakemm ma jkunx parti mill-isem speċifiku tal-prodott.

Ara wkoll informazzjoni taħt "Organizzazzjoni".

## Persuna Responsabbli (RP)

Huma biss il-prodotti kożmetiċi li għalihom persuna fiżika jew ġuridika hija nnominata fi ħdan l-UE bħala "persuna responsabbli" li jistgħu jitqiegħdu fis-suq tal-UE. Il-Persuna Responsabbli għandha tiżgura l-konformità mal-obbligi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

Min hi l-Persuna Responsabbli?

- Jekk prodott hu manifatturat fl-UE (u mhux sussegwentement esportat u importat lura fl-UE) u kummerċjalizzat fl-UE, il-manifattur tal-UE jitqies bħala l-Persuna Responsabbli (sakemm ma ngħatatx mandat persuna oħra stabbilita fl-UE).
- Jekk prodott hu manifatturat fl-UE (u mhux sussegwentement esportat u importat lura fl-UE) u kummerċjalizzat fl-UE, iżda l-manifattur hu stabbilit barra l-UE, għandha tiġi nnominata Persuna Responsabbli stabbilita fl-UE.
- Id-distributur għandu jkun il-Persuna Responsabbli meta jikkummerċjalizza l-prodott kosmetiku taħt ismu jew it-trademark tiegħu jew jimmodifika prodott diġà kummerċjalizzat b'tali mod li tista' tkun affettwata l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli.
- Għall-prodotti kosmetiċi importati manifatturati f'pajjiż mhux tal-UE, kull importatur għandu jkun il-Persuna Responsabbli għall-prodotti kosmetiċi speċifiċi li jikkummerċjalizza u jeħtieġlu jitlob profil ta' Persuna Responsabbli (sakemm ma ngħatatx mandat persuna oħra stabbilita fl-UE).

It-traduzzjoni ta' informazzjoni dwar prodott kożmetiku diġà mqiegħed fis-suq ma għandhiex titqies bħala modifika ta' dak il-prodott ta' tali natura li tista' tiġi affettwata l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament.

## SAAS

L-SAAS (Sistema ta' Awtorizzazzjoni ta' SANTE) tipprovdi lill-utent profil u drittijiet ta' aċċess għal applikazzjoni speċifika tal-Kummissjoni Ewropea. Din l-applikazzjoni tamministra speċifikament id-drittijiet ta' aċċess.

L-isem jew l-isem reġistrat u l-indirizz tal-Persuna Responsabbli għandhom ikunu fuq l-ittikkettar tal-prodotti kożmetiċi.

## Ilwien

Varjant individwali ta' kulur ta' prodott kożmetiku.

Pereżempju: l-ismijiet tal-kuluri differenti għall-istess lipstick (eż. "Pure rouge", "Ruby", "Vermeil", eċċ.).

# Biex Tibda

## Rekwiżiti tas-Sistema

Il-punti li ġejjin huma meħtieġa għall-konnessjoni mas-CPNP:

- Konnessjoni tal-internet;
- Riżoluzzjoni tal-iskrin tal-kompjuter ta' mill-inqas 1024 X 768 pixels.

Is-CPNP hu ottimizzat biex jintuża bil-verżjonijiet riċenti ta' Microsoft Internet Explorer, ta' Mozilla Firefox jew ta' Google Chrome (bil-JavaScript u bil-cookies attivati).

## Reġistrazzjoni

Biex jaċċesa s-CPNP, l-utent jeħtieġ **login tal-utent**, **password**, **organizzazzjoni**, **rwol** u **profil**.

Żewġ sistemi huma meħtieġa:

- EU Login
  Is-Servizz ta' Awtentikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (qabel magħruf bħala "ECAS") li bih in-nies jistgħu jaċċessaw l-applikazzjonijiet u s-servizzi differenti offruti mill-Kummissjoni Ewropea.

- Is-Sistema ta' Awtorizzazzjoni ta' Sante (SAAS).
  Din is-sistema tipprovdi lill-utent b'organizzazzjoni, bi rwol u bi profil biex ikollu d-drittijiet ta' aċċess għal applikazzjoni speċifika tal-Kummissjoni Ewropea, f'dan il-każ is-CPNP.

# Kif tagħti bidu għas-CPNP

Sabiex tagħti bidu għas-CPNP, kemm iddaħħal il-URL li ġej fl-iżbarra tal-indirizz tal-brawżer tiegħek:

https://webgate.ec.europa.eu/cpnp

L-ewwel darba li tikkonnettja mas-CPNP, tara t-tutorial li ġej:




– Dan it-tutorial jispjega kif tuża l-EU Login u s-sistemi ta' awtentikazzjoni tal-SAAS, u kif taċċessa s-CPNP . Inti tista' taqbżu billi tikklikkja fuq **Skip the tutorial**.

– Immarka l-kaxxa**Terġax turini** jekk ma tixtieqx tara dan it-tutorial darb'oħra meta tikkonnettja mas-CPNP . F'dan il-każ, it-tutorial jibqa' aċċessibbli biss permezz tal-menu tal-links utli dment li inti ma tħassarx il-cookies tiegħek.

# Din hi l-Interfaċċa

## Il-Paġna Prinċipali tas-CPNP

Skont il-profil tal-utent tiegħek (jiġifieri Persuna Responsabbli jew Distributur), il-paġna prinċipali u l-iskrins sussegwenti jistgħu jvarjaw ftit. Dan hu msemmi fid-dettall f'dan il-manwal għall-utenti.

Fil-paġna ewlenija tas-CPNP, kultant tista' tara kaxxa ta' informazzjoni. Din tintuża biex titħabbar kwalunkwe informazzjoni ġdida dwar l-applikazzjoni (eż. funzjonijiet ġodda disponbbli, ideat, gwidi, interventi ta' manutenzjoni).




## Komponenti tal-Interfaċċa

Il-menus li ġejjin jistgħu jintwerew fuq il-paġna prinċipali, skont il-profil tal-utent:




### Żbarra tal-menu

L-iżbarra tal-menu fiha l-menus li ġejjin: **Paġna ewlenija**, **Prodotti**, **Distribuzzjoni**, **Nanomaterjali**, **Persuni ta' kuntatt**, **Ammin** u **Links utli**.

#### Paġna ewlenija ( )

Uża dan il-menu biex tmur lura għall-paġna ewlenija.

#### Prodotti

Il-menu tal-prodotti fih l-għażliet tal-menu li ġejjin, jiġifieri

- **In-notifiki tiegħi**
  Din l-għażla tal-menu tagħti ħarsa ġenerali lejn il-prodotti kollha (jiġifieri Abbozzi u Nnotifikati) li huma marbuta b'mod speċifiku mal-RP/organizzazzjoni tiegħek.
- **Innotifika prodott**
  Din l-għażla tal-menu tippermetti lill-Persuni Responsabbli joħolqu notifiki għal prodotti b'komponent wieħed jew b'aktar minn komponent wieħed.
- **Tiftixa sempliċi**
  Din l-għażla tal-menu tippermettilek tfittex għal prodotti jew għal (verżjonijiet kurrenti u storiċi ta') prodotti jew komponenti, billi tuża kliem ewlenin.

- **Tiftixa avvanzata**
  Din l-għażla tal-menu tippermettilek tfittex għal (verżjonijiet kurrenti u storiċi ta') prodotti jew komponenti fuq il-bażi ta' diversi kriterji.

### Distribuzzjoni

Il-menu **Distribuzzjoni** hu disponibbli għal Persuni Responsabbli u għal Distributuri. Jekk inti Distributur, b'dan il-menu tkun tista' ddaħħal notifiki ta' distribuzzjonijiet u tfittex notifiki li tkun diġà daħħalt fis-sistema.

### Persuni ta' kuntatt

Il-menu **Persuni ta' kuntatt** hu disponibbli għall-Persuni Responsabbli biss. Jekk inti Persuna Responsabbli, b'dan il-menu tkun tista' timmaniġġja (toħloq, timmodifika, tħassar) u tfittex id-dettalji ta' kuntatt tal-persuni kollha assoċjati mal-organizzazzjoni tiegħek. Għad-dettalji, jekk jogħġbok irreferi għal "Immaniġġjar tal-Persuni ta' Kuntatt", p. 45.

### Nanomaterjali

Il-menu **Nanomaterjali** jintuża għan-notifika ta' nanomaterjali. Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009, fl-Artikolu 16, jeħtieġ li, minbarra n-notifika skont l-Artikolu 13, il-prodotti kożmetiċi li fihom nanomaterjali għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni mill-Persuna Responsabbli bl-użu ta' mezzi elettroniċi sitt xhur qabel ma jitqiegħdu fis-suq. Jekk jogħġbok innota li dan il-modulu speċifiku mhuwiex se jiġi deskritt f'dan il-manwal iżda f'manwal iddedikat ieħor li jista' jiġi kkonsultat minn fuq il-menu **Links utli > ART. 16**.

### Ammin

L-għażla **Ikkopja l-prodotti tiegħek għal Persuna Responsabbli oħra** f'dan il-menu tista' tintuża, jekk ikun hemm bżonn, għat-trasferiment tal-prodotti tiegħek lil Persuna Responsabbli oħra (pereżempju fil-każ ta' fużjoni jew f'każ ta' tibdil fl-isem tal-Persuna Responsabbli). Tiġi ssejvjata kopja tal-prodotti magħżula, f'ABBOZZ, taħt il-Persuna Responsabbli nnominata l-ġdida. Jekk jogħġbok innota li l-informazzjoni kollha tiġi kkopjata, ħlief l-informazzjoni dwar l-imballaġġ u l-ittikkettar, kif ukoll id-dettalji tal-persuna ta' kuntatt.
U għażla addizzjonali **Ċaqlaq il-prodotti** se tkun disponibbli fil-menu Ammin ukoll, għal utenti li jappartjenu għal organizzazzjoni b'suborganizzazzjonijiet. Din l-għażla tintuża biex jiċċaqilqu prodotti minn organizzazzjoni prinċipali jew minn waħda mis-suborganizzazzjonijiet tagħha lil waħda mis-suborganizzazzjonijiet l-oħra jew lill-organizzazzjoni prinċipali.

### Links utli

Dan il-menu jipprovdi links għat-Tutorial, għall-Mistoqsijiet Frekwenti (FAQ), għall-Mistoqsija u Tweġiba dwar in-nanomaterjali, għad-dokumentazzjoni dwar l-Artikolu 13 (jiġifieri manwal għall-utenti, formulazzjonijiet tal-qafas, mistoqsijiet dwar il-Kat./l-Oqfsa/Skattati + pakkett ta' tagħlim dwar kif tuża s-servizz fuq il-web għat-tlugħ ta' fajls) u l-Artikolu 16 (jiġifieri manwal għall-utenti), links esterni (SAAS, CosIng), ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 dwar il-prodotti kożmetiċi, noti tar-rilaxx.

## Żbarra tal-link ta’ fuq

L-iżbarra tal-link ta’ fuq tipprovdi aċċess veloċi għal dawn li ġejjin: **Stqarrija ta’ Privatezza**, **Kuntatt**, **Profil** u **Oħroġ**.

### Stqarrija ta' Privatezza

Din l-iperlink tiftaħ l-istqarrija ta’ privatezza tas-CPNP.

### Kuntatt

Uża din l-iperlink biex tibgħat ittra elettronika lill-indirizz elettroniku funzjonali tas-CPNP.

### Profil

Uża din l-iperlink biex tivverifika l-profil tas-CPNP tiegħek, inkluż ismek, l-indirizz tal-posta elettronika, il-lingwa, l-indirizz postali tiegħek; l-isem tal-ID, l-indirizz ta’ kuntatt tal-posta elettronika, il-profil u kwalunkwe informazzjoni magħrufa oħra dwar l-organizzazzjoni tiegħek.

### Oħroġ

Uża din il-link biex toħroġ mis-sistema.

## Il-kaxxa tal-għażla tal-lingwa

Uża l-kaxxa tal-għażla tal-lingwa fir-rokna ta’ fuq lejn il-lemin ta’ kull paġna biex tbiddel il-lingwa tal-interfaċċa.

**Nota:**
L-interfaċċa tas-CPNP u dan il-Manwal għall-Utenti huma oriġinarjament bl-Ingliż. F’każ ta’ dubju, jekk jogħġbok uża l-verżjoni bl-Ingliż bħala referenza u rrapporta immedjatament lil grow-cpnp@ec.europa.eu kwalunkwe inkonsistenza li ssib fi kwalunkwe lingwa oħra.

# Kif tuża s-CPNP

## Persuni Responsabbli – Immaniġġjar Notifiki Skont l-Artikoli 13(1) u 13(2)

### Kif Tinnotifika Prodotti

Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009, il-Persuni Responsabbli huma meħtieġa jissottomettu ċerta informazzjoni lis-CPNP qabel ma jqiegħdu kwalunkwe prodott kożmetiku fis-suq tal-UE; skont l-Artikolu 13(b), meta tqiegħed prodott kożmetiku fis-suq, il-Persuna Responsabbli hi obbligata wkoll tinnotifika lis-CPNP l-ittikkettar oriġinali, u, fejn raġonevolment leġibbli, tipprovdi ritratt tal-imballaġġ korrispondenti.

Il-Persuni Responsabbli jissodisfaw dawn iż-żewġ obbligi permezz tal-għażla **Innotifika prodott** fil-menu **Prodotti**.

- **Biex tinnotifika prodott**

1. Fil-menu **Prodotti**, agħżel **Innotifika prodott**.

   *Riżultat:* Il-paġna tal-bidu *Żid prodott ġdid* titolbok tagħżel it-tip ta' prodott li inti tixtieq tinnotifika:




2. Agħżel it-tip ta' prodott li trid tinnotifika.
3. Imla l-paġna tad-dettalji dwar il-prodott bl-informazzjoni kollha li għandek dwar il-prodott (għal dettalji dwar kull tab/attribut, ara l-paġni li ġejjin).
4. Biex tissejvja n-notifika bħala abbozz (jiġifieri jekk ma jkunx fiha l-informazzjoni obbligatorja kollha), ikklikkja **Issejvja bħala abbozz** u wieġeb il-messaġġ ta' konferma (iżda biss jekk speċifikajt li l-prodott fih sustanzi u/jew nanomaterjali CMR – ara It-tab "Dettalji tal-prodott", p.17"):




Jekk jogħġbok innota li jridu jiġu mimlija mill-inqas isem tal-prodott/komponent u l-lingwa korrispondenti (indikati b'"**").

Jew,

Meta l-informazzjoni dwar in-notifika tkun kompluta u jimtlew l-attributi obbligatorji kollha (indikati b'"*")), ikklikkja **Innotifika**. Imbagħad l-informazzjoni ssir disponibbli għall-Awtoritajiet Kompetenti u għaċ-Ċentri tal-Veleni. Jekk jogħġbok kun af li mhux se jkun possibbli aktar li tħassar in-notifika minn dak il-waqt. Ikunu possibbli aġġornamenti biss.

# I. Notifika ta' prodott b'komponent wieħed



*Prodott b'komponent wieħed jirreferi għal prodott li huwa magħmul minn element wieħed biss (eż. bott wieħed tax-xampù).*

## Tab "Informazzjoni ġenerali"

It-tab **Informazzjoni ġenerali** tippermetti lill-Persuna Responsabbli ddaħħal din l-informazzjoni dwar il-prodott:


Informazzjoni ġenerali | Dettalji tal-prodott

Referenza tal-Industrija

** Isem il-prodott:
** Lingwa: Agħżel lingwa +
Sfumaturi (jekk applikabbli):
* Il-prodott huwa speċifikament intiż għal tfal taħt it-tliet snin? Iva Le

* Persuna responsabbli
* Persuna ta' kuntatt: Agħżel persuna ta' kuntatt +

Il-Prodott ma għadux jiġi mmanifatturat
Prodott lest għat-tqegħid fis-suq jew diġà jinsab fis-suq
* Dan il-prodott huwa importat fil-Komunità? Iva Le
* L-Istat Membru fejn il-prodott tqiegħed fis-suq għall-ewwel darba: Agħżel pajjiż

**Referenza tal-Industrija**

Ir-referenza mogħtija lill-prodott mill-industrija (għall-użu intern mill-industrija biss).

**Isem tal-Prodott**


** Isem il-prodott:
** Lingwa: Agħżel lingwa +
Sfumaturi (jekk applikabbli):
* Il-prodott huwa speċifikament intiż għal tfal taħt it-tliet snin? Iva Le

L-isem tal-prodott hu element kruċjali tan-notifika peress li ħafna drabi se jintuża mill-Awtoritajiet Kompetenti jew miċ-Ċentri tal-Veleni biex ifittxu prodott fis-CPNP.

> ### *Importanti*
>
> L-isem tal-prodott irid ikollu biżżejjed dettalji biex jippermetti identifikazzjoni speċifika tal-prodott kożmetiku. Dan għandu jinkludi l-**marka kummerċjali/ditta**, il-**linja tal-prodott** u l-**isem speċifiku** tal-prodott kif jidhru fuq il-prodott. L-isem komplut għandu jinkludi l-**funzjoni** sakemm ma jkunx parti mill-isem speċifiku tal-prodott.
>
> **Eżempji:**
>
> 1. Marka Kummerċjali / Ditta
> 2. Linja tal-Prodott
> 3. Isem speċifiku (inkluża l-funzjoni)
>
> L-isem komplut tal-prodott hu:
>
> **Marka Kummerċjali / Ditta + Linja tal-Prodott + isem speċifiku (inkluża l-funzjoni), eż.:**
>
> – Novea + Repair & Shine + smoothing cream
> – Elisa Ardin + Five Minutes Cream + Intensive lip repair balm
> – Chenal + Hydra Star + Serum Hydratant Repulpant Intense
> – Yves St Vincent + Opium Bleu + Eau de parfum

## Lingwa




Meta l-prodott isir disponibbli fis-suq b'isem tradott f'lingwi differenti, kull wieħed minn dawn l-ismijiet għandu jissemma fin-notifika flimkien mal-lingwa korrispondenti (magħżula permezz tal-kaxxa tal-għażla).

Il-[+] ħdejn il-kaxxa tal-għażla tal-lingwa jippermetti lill-Persuna Responsabbli żżid traduzzjoni(jiet) tal-isem tal-prodott u tagħżel il-lingwa(i) korrispondenti.

Pereżempju:

> ***Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà***: *Il-prodott muri hawn mhuwiex prodott ta' veru; l-isem u l-markar kollu tiegħu ġew ivvintati bi skop uniku ta' kjarifika.*




Jekk ikollok bżonn tħassar traduzzjoni ta' isem ta' prodott, kemm tikklikkja fuq [ikona tat-tħassir] ħdejn il-lingwa korrispondenti.

Jekk l-isem tal-prodott ikun l-istess bil-lingwi kollha, inti tista' tindika dan l-isem darba biss u tagħżel "Multilingwi" fil-kaxxa tal-għażla. Madankollu, jekk jogħġbok innota li "Multilingwi" ma tistax tintuża jekk l-isem tal-prodott ikun l-istess f'ċerti lingwi, iżda differenti f'oħrajn. F'dan il-każ, il-verżjonijiet lingwistiċi kollha tal-isem tal-prodott għandhom jiddaħħlu individwalment fis-sistema. Anke meta l-isem ikun l-istess għal xi lingwi, għandu jiġi ripetut u jindika l-lingwa korrispondenti għal kull wieħed.

## Ilwien (jekk applikabbli)

Sabiex jiġu evitati notifiki mhux meħtieġa, inti tista' tinnotifika l-ilwien differenti ta' prodott (eż. ilwien differenti ta' lipstick) f'notifika waħda. Dan jista' jsir **biss jekk dawn l-ilwien kollha jkunu koperti totalment mill-informazzjoni inkluża fin-notifika.**

L-ilwien differenti għandhom jiġu indikati fil-qasam tal-ilwien u jiġu sseparati b'mod ċar b' " / " preċeduti u segwiti bi spazju abjad.

Il-qasam tal-ilwien hu limitat għal 2000 karattru għal raġunijiet ta' leġġibbiltà.

It-traduzzjonijiet ta' dawn l-ilwien fil-lingwi differenti għandhom jiġu indikati fil-qasam tal-ilwien taħt il-verżjoni lingwistika korrispondenti tal-isem tal-prodott.

Jekk jogħġbok innota li meta xi lwien ta' prodott kożmetiku ma jkunux koperti totalment mill-informazzjoni inkluża fin-notifika (eż. informazzjoni dwar kompożizzjoni differenti), dawn iridu jiġu nnotifikati separatament.

**Il-prodott hu maħsub speċifikament għal tfal taħt it-tliet snin?**

Jekk jogħġbok agħżel **Iva** jew **Le** biex tispeċifika jekk il-prodott huwiex speċifikament maħsub għal tfal taħt it-tliet snin.

**Persuna responsabbli**

In-notifika għandha tinkludi **mill-inqas l-isem u l-indirizz** tal-Persuna Responsabbli. Din l-informazzjoni tidher fuq il-parti tax-xellug tal-iskrin taħt "Persuna responsabbli" u tinkiseb b'mod awtomatiku mill-SAAS fuq il-bażi tal-login tal-utent.

**Importanti**

Meta l-Persuna Responsabbli tkun trid taġġorna jew tikkoreġi d-dettalji tagħha, dan għandu jsir fl-SAAS. Aċċess għall-SAAS huwa disponibbli mill-attribut tal-"profil" allokat fuq il-kantuniera ta' fuq, fuq in-naħa tal-lemin tal-iskrin tas-CPNP. L-amministraturi lokali biss jistgħu jimmodifikaw id-dettalji tal-Persuna Responsabbli. Qatt tbiddel l-isem jew il-pajjiż fl-SAAS; dan ikun iwassal għall-ħolqien ta' Organizzazzjoni ġdida u ikun jimplika notifika ta' prodott ġdid!!

**Persuna ta' kuntatt**

Għal kull notifika, il-Persuna Responsabbli trid tindika d-dettalji ta' kuntatt ta' persuna ta' kuntatt, jiġifieri persuna fiżika li tista' tiġi kkuntattjata jekk ikun hemm bżonn.

Niżżel il-kaxxa tal-għażla biex tara l-lista tal-persuni ta' kuntatt kollha li bħalissa huma assoċjati mal-Persuna Responsabbli, u mbagħad agħżel il-persuna ta' kuntatt mixtieqa.

Jekk il-persuna ta' kuntatt mixtieqa ma tidhirx fil-kaxxa tal-għażla, tista' żżidha inti. Imbagħad il-persuna ssir disponibbli għall-illinkjar għal din in-notifika u għal notifiki futuri.

♦ **Biex tagħmel dan:**

1. Ikklikkja l-ikona [+] Żid kuntatt.
2. Daħħal id-dettalji tal-persuna ta' kuntatt fuq il-paġna *Żid persuna ta' kuntatt*, jiġifieri l-isem u l-kunjom, it-telefown, l-indirizz postali, l-indirizz tal-posta elettronika, eċċ.

   (Jekk jogħġbok innota li l-entrati obbligatorji kollha huma indikati b' *).
3. Ikklikkja **Żid** fil-qiegħ tal-paġna biex iżżid il-persuna ta' kuntatt il-ġdida għan-notifika.




*Riżultat:* Il-persuna ta' kuntatt il-ġdida tingħażel b'mod awtomatiku għal din in-notifika. Fl-istess ħin, tintbagħat ittra elettronika lil din il-persuna ta' kuntatt, bl-informazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta.

**Importanti**

In-numri kollha tat-telefown u tal-fax fis-CPNP iridu jinkludu l-kodiċi tat-telefonati internazzjonali tal-pajjiż. Pereżempju: +32 2 296 93 62.

Jekk jogħġbok innota li l-persuni ta' kuntatt huma mmaniġġjati ulterjorment fil-menu ddedikat għall-Persuni ta' kuntatt (disponibbli għall-Persuni Responsabbli biss):




Kull persuna ta' kuntatt li toħloq / timmodifika fuq notifika tiżdied / tiġi mmodifikata minnufih fil-moduli tal-Persuni ta' kuntatt, u viċi versa. Għad-dettalji, jekk jogħġbok irreferi għal "Immaniġġjar tal-Persuni ta' Kuntatt", p. 45.

**Prodott li ma għadux jiġi mmanifatturat**

Immarka din il-kaxxa jekk il-prodott ma għadux jiġi mmanifatturat.

**Prodott lest biex jitqiegħed fis-suq jew li diġà tqiegħed fis-suq**

Immarka l-kaxxa tal-"Prodott lest biex jitqiegħed fis-suq jew li diġà tqiegħed fis-suq" jekk il-prodott huwa lest biex jitqiegħed fis-suq jew diġà tqiegħed fis-suq.

Jekk jogħġbok innota li inti mhux se tkun tista' tinnotifika l-prodott jekk timmarka din il-kaxxa mingħajr ma tipprovdi informazzjoni dwar l-ittikkettar u l-imballaġġ oriġinali tiegħu fil-faxxa "Ittikkettar oriġinali u imballaġġ oriġinali" tat-tab "Dettalji tal-prodott".

> *Importanti*
>
> Sabiex tissodisfa l-obbligi legali tagħha, il-Persuna Responsabbli għandha tinnotifika ladarba l-ittikkettar oriġinali, u, fejn ikun leġġibbli b'mod raġonevoli, ritratt tal-imballaġġ korrispondenti mhux aktar tard minn meta l-prodott jitqiegħed fis-suq.

**Il-prodott hu importat fil-Komunità?**

Agħżel il-buttuna tal-għażla xierqa biex tindika jekk il-prodott huwiex importat fil-Komunità Ewropea. Jekk tagħżel **Iva**, 2 kaxex tal-għażla addizzjonali tal-**Pajjiż ta' oriġini** jidhru biex tagħżel i) il-pajjiż ta' oriġini u ii) id-data ta' tmiem tar-responsabbiltà:




Jekk jogħġbok innota li jista' jkun hemm każijiet rari fejn l-istess prodott jiġi importat minn diversi pajjiżi. F'każijiet bħal dawn, jekk jogħġbok agħmel notifika waħda għal kull pajjiż ta' oriġini u semmi l-pajjiż ta' oriġini fil-parentesi fl-isem tal-prodott.

Eżempji: Marka Kummerċjali / Ditta Repair & Shine smoothing cream (l-Istati Uniti)
Marka Kummerċjali / Ditta Repair & Shine smoothing cream (iċ-Ċina)

Jista' jkun hemm ukoll każijiet rari fejn l-istess prodott jiġi kemm importat kif ukoll mhux importat. F'każijiet bħal dawn, jekk jogħġbok agħmel 2 notifiki differenti, jiġifieri notifika waħda għall-verżjoni importata tal-prodott (li tispeċifika l-pajjiż ta' oriġini fil-parentesi fl-isem tal-prodott) u notifika oħra għall-verżjoni mhux importata tal-prodott.

**Stat Membru fejn isir l-ewwel tqegħid fis-suq**

Iftaħ il-kaxxa tal-għażla biex tagħżel l-Istat Membru tal-ewwel tqegħid fis-suq.

## It-tab "Dettalji tal-prodott"

It-tab *Dettalji tal-prodott* fiha 4 sezzjonijiet differenti:

### Sustanzi Karċinoġeniċi, Mutaġeniċi jew Tossiċi għar-Riproduzzjoni (CMR)

Uża din is-sezzjoni biex tispeċifika jekk il-prodott fihx sustanzi kklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR), jew tal-kategorija 1A jew 1B, skont il-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.




Jekk il-prodott fih sustanzi bħal dawn, u inti weġibt **Iva** għall-mistoqsija, imbagħad se tintalab tidentifika kull waħda minn dawn fuq il-bażi tan-Numru INCI/Kimiku/IUPAC, CAS jew EC tagħhom:




Bħala għajnuna meta tkun qed iddaħħal din l-informazzjoni, l-Ismijiet, in-numri CAS u EC jistgħu jinkisbu minn CosIng, meta disponibbli. Biex isir dan, ipproċedi kif ġej:

1. Ittajpja l-ewwel karattri jew figuri tan-Numru INCI/Kimiku/IUPAC, CAS jew EC fil-kaxxa tal-input relatata.
2. Agħżel is-sustanza xierqa fil-lista ta' sustanzi li jaqblu:




3. Biex iżżid aktar sustanzi, ikklikkja fuq + u pproċedi hekk.



### Importanti

Jekk jogħġbok innota li l-lista ta' ingredjenti miksuba minn CosIng ma tistax tiġi ffiltrata biex tinkludi CMRs 1A jew 1B biss. Jekk jogħġbok innota wkoll li l-lista ta' ingredjenti miksuba minn CosIng tista' tinkludi ingredjenti li mhumiex maħsuba għall-użu fi prodotti kożmetiċi! Inti tibqa' responsabbli biex tiċċekkja l-kompletezza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta u tibdilha fejn ikun meħtieġ.

**Nanomaterjali**

Uża din is-sezzjoni biex tispeċifika jekk il-prodott fihx sustanzi kklassifikati bħala nanomaterjali skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 dwar il-prodotti kożmetiċi.




Jekk inti twieġeb **Iva** għal din il-mistoqsija, jidher il-grupp tal-għażla addizzjonali li ġej:




Is-CPNP l-ewwel se jitolbok tirrispondi żewġ domandi dwar il-kundizzjonijiet tal-esponiment:

- Il-prodott hu wieħed li trid tlaħalħu jew li tħallih joqgħod?
- X'inhi r-rotta ta' esponiment (dermali, orali u/jew man-nifs)?

♦ **Biex iżżid nanomaterjal man-notifika**

1. Ikklikkja **Żid**.

   *Riżultat:* Titlagħlek paġna pop up biex inti tfittex in-nanomaterjal f'CosIng:




2. Bħala għajnuna biex iddaħħal din l-informazzjoni, tista' tikseb in-Numru INCI, IUPAC, INN, CAS jew EC minn CosIng, meta disponibbli.

   Biex tagħmel dan:

   – ittajpja tal-inqas l-ewwel 2 karattri jew figuri tan-Numru INCI, IUPAC, INN, CAS jew EC imfittex fil-kaxxa tal-input. Jitilgħu l-attributi kollha li jaqblu minn CosIng,

**Importanti**

Jekk jogħġbok innota li l-lista ta' nanomaterjali minn CosIng tista' tinkludi ingredjenti li mhumiex maħsuba għall-użu fi prodotti kożmetiċi! Inti tibqa' responsabbli biex tiċċekkja l-kompletezza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta, u tibdilha fejn ikun meħtieġ. Il-funzjoni ta' tiftix ta' CosIng se tfittex nanomaterjali u nanomaterjali skont l-Art. 16.

– ikklikkja [+] ħdejn l-attribut mixtieq fit-tabella tar-riżultati tat-tiftixa:




– iċċekkja l-ifnormazzjoni dwar l-attribut magħżul u mbagħad ikklikkja **Żid**:



Jekk jogħġbok innota li l-informazzjoni dwar il-funzjonijiet “Kolorant”, “Preservattiv” u/jew “Filtru UV” tinstab b’mod awtomatiku minn CosIng; l-għażla “Oħra” tinstab b’mod awtomatiku mill-Artikolu 16 tas-CPNP (Nanomaterjali ➔ Innotifika nanomaterjal). Tal-inqas hu obbligatorju li jkun hemm funzjoni waħda; titla’ pop up jekk iżżid xi funzjonijiet (eż. “Preservattiv”):




Jew,

Jekk ma jinstabx in-nanomaterjal imfittex, inti tista’ żżidu billi tuża l-buttuna **Żid nanomaterjal ġdid**fir-rokna ta’ fuq tal-lemin tal-paġna*Fittex nanomaterjali*:




Imbagħad se tkun tista’ ddaħħal id-dettalji kollha tan-nanomaterjal fuq paġna ġdida:



## *Editjar tan-Nanomaterjali*

Jekk jogħġbok innota li inti tista' teditja nanomaterjali qodma jew maħluqa ġodda billi tuża l-ikona ħdejn in-nanomaterjal magħżul:




Madankollu, jekk jogħġbok innota li l-kaxex vojta u l-Funzjonijiet biss jistgħu jiġu editjati:



## Kategorija u Formulazzjoni ta' qafas

Il-faxxa *Kategorija u Formulazzjoni ta' qafas*tintuża biex tiddaħħal l-informazzjoni li ġejja:




### Kategorija tal-prodott kożmetiku

Hawn inti trid tagħżel 3 livelli ta' kategorija, tibda mil-Livell 1, u tkompli sussegwentement bil-Livelli 2 u 3:




> **Importanti**
>
> F'xi każijiet rari, il-prodotti jista' jkollhom diversi "funzjonijiet" li jistgħu jikkawżaw li dawn jaqgħu taħt kategoriji differenti. F'dawn il-każijiet, hi l-funzjoni primarja dik li għandha tiġi kkunsidrata għall-kategorizzazzjoni tal-prodott kożmetiku.

L-għażla ta' kategorija fil-Livell 1 tiddetermina l-kategoriji disponibbli fil-Livell 2; l-għażla ta' kategorija fil-Livell 2 se tiddetermina l-kategoriji disponibbli fil-Livell 3.
Il-kategoriji eżistenti kollha huma disponibbli fuq it-tab tal-links utli tas-CPNP.

### Forma fiżika

Iftaħ il-kaxxa tal-għażla biex tagħżel il-forma fiżika tal-prodott.

**Nota**: "Likwidu" jinkludi formulazzjonijiet (eż. soluzzjoni jew ħlejjeb) b'viskożità baxxa, tipikament taħt l-10.000 cp



**Il-prodott hu ppreżentat f'applikatur/imballaġġ speċjali?**

Agħżel **Iva** jew **Le** biex tindika jekk il-prodott huwiex ippreżentat f'imballaġġ kożmetiku tipiku mhux taħt pressjoni għolja (*eż.* flixkun, ġarra żgħira jew qartas) jew inkella f'applikatur jew imballaġġ speċjali. Din l-informazzjoni tista' tippermetti liċ-Ċentri tal-Veleni biex jimmodulaw l-evalwazzjoni tar-riskju tagħhom f'każ ta' trattament mediku b'emerġenza.

Inti tista' tara l-għażliet possibbli f'termini ta' applikaturi u ta' imballaġġ speċjali billi tikklikkja fuq ❗.

Jekk inti twieġeb **Iva**, agħżel l-applikatur/l-imballaġġ xierqa mil-lista tal-għażla:




Jekk tagħżel **Oħrajn** fil-lista tal-għażliet, inti se tkun mistieden/mistiedna tissuġġerixxi denominazzjoni għall-applikatur / għall-imballaġġ (idealment bl-Ingliż). L-ismijiet kollha issuġġeriti għall-applikatur / għall-imballaġġ se jiġu kkunsidrati mill-grupp ta' manutenzjoni tas-CPNP sabiex jinħolqu ismijiet ġodda ta' applikatur/imballaġġ, jew jiġu aġġornati dawk eżistenti, fejn ikun meħtieġ:




**Isem tal-formulazzjoni**

Jekk jogħġbok innota li l-kaxxa tal-għażla**Isem tal-formulazzjoni** tiġi attivata biss wara li tagħżel il-livelli ta' kategorija fis-sezzjoni **Kategorija tal-prodott kożmetiku** aktar 'il fuq. Skont il-livelli magħżula, inti se tiġi offrut(a) lista korrispondenti ta' ismijiet tal-formulazzjoni possibbli għall-għażla. Iftaħ il-kaxxa u agħżel l-aktar isem tal-formulazzjoni xieraq. L-isem ta' formulazzjoni jipprovdi kategorizzazzjoni tal-prodott aktar dettaljata, li ssir disponibbli għaċ-ċentri ta' veleni biss.

*Importanti*

Li tagħżel isem ta' formulazzjoni ma jfissirx li inti se tkun qed tinnotifika l-prodott tiegħek permezz ta' formulazzjoni ta' qafas predefinita. Wara li tagħżel isem ta' formulazzjoni inti xorta jkollok l-għażla li tinnotifika permezz ta' formulazzjoni ta' qafas predefinita, dikjarazzjoni ta' konċentrazzjoni preċiża jew dikjarazzjoni ta' meded tal-konċentrazzjoni.

Jekk tagħżel **Oħra**, inti se tiġi mistieden/mistiedna tissuġġerixxi isem tal-formulazzjoni (idealment bl-Ingliż). L-ismijiet issuġġeriti kollha se jiġu kkunsidrati mill-grupp ta' manutenzjoni tas-CPNP sabiex jinħolqu ismijiet ta' formulazzjoni ġodda, jew jiġu aġġornati dawk eżistenti, fejn ikun meħtieġ.




Jekk inti ma jkollok ebda suġġeriment għal kwalunkwe isem tal-formulazzjoni, tista' sempliċiment tirrepeti l-isem magħżul għall-kategorija tal-Livell 3.

**Jekk jogħġbok agħżel it-tip ta' notifika**

Fil-maġġoranza tal-każijiet, il-kaxxa tal-għażliet se toffri 3 għażliet, jiġifieri **Formulazzjoni ta' qafas predefinita**, **Konċentrazzjonijiet eżatti** jew **Meded ta' konċentrazzjoni**.

Il-(!) ifakkrek li l-ingredjenti kollha jridu jiġu espressi permezz ta' ismijiet INCI, meta jkunu disponibbli, u li l-kwantitajiet tal-ingredjenti kollha għandhom jiġu espressi permezz ta' % w/w




F'xi każijiet, skont il-kategoriji tal-prodotti kożmetiċi magħżula, jista' ma jkun hemm ebda formulazzjoni ta' qafas predefinita eżistenti. F'dawn il-każijiet, żewġ għażliet biss se jkunu disponibbli, jiġifieri "Konċentrazzjonijiet eżatti" jew "Meded ta' konċentrazzjoni".

**Formulazzjoni ta' qafas predefinita**

Sett ta' formulazzjonijiet ta' qafas predefiniti ġew elaborati minn grupp ta' esperti magħmul minn rappreżentanti minn Ċentri tal-Veleni, Awtoritajiet Kompetenti, assoċjazzjonijiet tal-kummerċ industrijali u servizzi tal-Kummissjoni. Dawn huma disponibbli għall-konsultazzjoni f'dokument separat.

Jekk inti tagħżel **Formulazzjoni ta' qafas predefinita** fil-lista tal-għażla "Jekk jogħġbok agħżel it-tip ta' notifika", is-CPNP se jipproponi b'mod awtomatiku l-formulazzjoni ta' qafas predefinita korrispondenti fuq il-bażi tal-kategorija u tal-isem tal-formulazzjoni li tkun għażilt int. Din il-formulazzjoni ta' qafas se tiġi llinkjata man-notifika bħala dokument tal-PDF. Jekk jogħġbok iċċekkja r-rilevanza tal-formulazzjoni ta' qafas predefinita għall-prodott notifikat billi tikklikkja fuq l-ikona żgħira (PDF).:




> ***Importanti***
>
> – It-terminu "ingredjent addizzjonali" użat f'xi formulazzjonijiet ta' qafas predefiniti ma jabbrogax l-obbligu li jkunu indikati s-sustanzi li jaqgħu taħt xi waħda mir-regoli stabbiliti fl-Appendiċi għal dan il-Manwal għall-Utenti (ara p.57) bil-konċentrazzjoni eżatta tagħhom. Barra minn hekk, ma jistax ikopri xi ingredjent li jista' jikkontribwixxi b'xi mod sinifikattiv għall-profil ta' tossiċità tal-prodott kożmetiku.
>
> – Notifika permezz ta' **formulazzjoni ta' qafas predefinita** tista' ssir **biss jekk il-kompożizzjoni tal-prodott kożmetiku taqa' <u>kompletament</u> fil-meded ta' konċentrazzjoni msemmija f'din il-formulazzjoni ta' qafas**. B'mod partikolari, jekk kwalunkwe konċentrazzjoni ta' ingredjent tkun ikbar mil-livelli massimi indikati fil-formulazzjoni ta' qafas predefinita, jew jekk kwalunkwe ingredjent ma jkunx kopert mill-kontenut tal-formulazzjoni ta' qafas predefinita, din il-formulazzjoni ta' qafas ma tridx tintuża għan-notifika.

Skont il-kategoriji tal-prodott, il-forma fiżika u l-isem ta' formulazzjoni magħżula, se tintalab informazzjoni addizzjonali mis-CPNP dwar ingredjenti speċifiċi ta' tħassib u/jew il-valur tal-pH tal-prodott.

Ir-regoli li japplika s-CPNP ġew elaborati minn grupp ta' esperti magħmul minn rappreżentanti minn ċentri tal-veleni, awtoritajiet kompetenti, assoċjazzjonijiet tal-kummerċ industrijali u servizzi tal-Kummissjoni u huma disponibbli għal konsultazzjoni fl-Appendiċi għal dan il-Manwal għall-Utenti (ara p.57). Il-links bejn il-kategoriji tal-prodotti kożmetiċi u r-regoli skattati mis-CPNP huma disponibbli taħt it-tab tal-links utli tas-CPNP.

Se ssir din l-ewwel mistoqsija li ġejja:



Jekk jogħġbok aqra l-lista kollha tal-ingredjenti b'attenzjoni billi tikklikkja fuq kull wieħed minn **+** biex tespandi kull taqsima.

Agħżel **Iva, ara hawn taħt,** immarka l-kaxxa tal-ingredjent(i) rilevanti u indika l-konċentrazzjoni(jiet) tiegħu/tagħhom fil-prodott, jew inkella agħżel **Le** skont kif ikun xieraq.

Għall-mistoqsijiet l-oħra, normalment inti se jkollok tagħżel bejn li twieġeb għall-mistoqsija fl-attribut(i) iddedikat(i) jew li timmarka l-kaxxa **Mhux applikabbli**:




Sabiex tiffaċilita d-dħul tal-ismijiet tal-ingredjenti, hemm link għal **CosIng** minn fejn tista' tinkiseb l-informazzjoni. Inti tista' tittajpja wkoll isem ta' ingredjent jekk ma jkunx hemm wieħed xieraq inkluż fil-CosIng.

## *Importanti*

Fil-każ ta' **etanol u/jew isopropanol**, "**Mhux applikabbli**" tfisser li dawn l-ingredjenti **mhumiex preżenti fil-prodott**!

Fil-każ tal-**ingredjenti kollha l-oħra ta' tħassib**, din tfisser li l-ingredjent **jew mhuwiex preżenti fil-prodott, jew inkella hu preżenti fil-prodott iżda taħt il-konċentrazzjoni ta' tħassib** (skont ir-regoli stabbiliti fl-Appendiċi għal dan il-Manwal għall-Utenti (ara p.57)).

L-ismijiet tal-ingredjenti kollha għandhom jiġu espressi permezz ta' **ismijiet INCI**, meta disponibbli.

Meta l-informazzjoni dwar il-pH tkun meħtieġa u l-pH ma jkunx jista' jiġi mkejjel fil-prodott direttament, iżda permezz ta' soluzzjoni, estratt jew dispersjoni milwiema (eż. għal formulazzjonijiet solidi), l-utent għandu jsemmi dan fl-attribut iddedikat għal "Kwalunkwe informazzjoni oħra ta' importanza għaċ-ċentri tal-veleni" permezz tal-espressjoni "**pH (aqueous extract/solution/dispersion)**" bl-Ingliż biss.

Il-kwantitajiet tal-ingredjenti kollha għandhom jiġu espressi permezz ta' **% w/w**. Is-simbolu % w/w **ma għandux jiġi indikat**fl-attribut tar-risposti..

Jekk jogħġbok uża n-**Notazzjoni Ingliża għan-numri**, pereżempju: 0.3, u MHUX 0,3.

Għall-**etanol u/jew isopropanol**, **tenħtieġ notifika aġġornata** fejn il-**kontenut ta' kwalunkwe ingredjent jew tat-total taż-żewġ ingredjenti jinbidel b'aktar minn 5**, jekk il-valur iddikjarat preċedentement ikun <30 %, **jew b'aktar minn 10**, jekk il-valur iddikjarat preċedentement ikun ≥ 30 %

Għall-**ingredjenti l-oħra kollha ta' tħassib**, **tenħtieġ notifika aġġornata** meta l-**konċentrazzjoni tal-ingredjenti tinbidel b'aktar minn 20 %** tal-valur iddikjarat preċedentement (ara l-Appendiċi għal dan il-Manwal għall-Utenti (ara p.57) għal aktar dettalji).

**Notifika aġġornata** hija wkoll **meħtieġa meta l-prodott ma jibqax jaqa' taħt il-formulazzjoni ta' qafas predefinita, meta ingredjent ta' tħassib ġdid** jidħol fil-kompożizzjoni tal-prodott jew **meta ingredjent ta' tħassib ma jibqax jidħol fil-kompożizzjoni** tal-prodott.

Fil-kaxxa testwali ta' taħt, jekk jogħġbok semmi wkoll kwalunkwe informazzjoni oħra dwar il-prodott li tkun ta' sinifikat għaċ-Ċentri tal-Veleni (bl-Ingliż biss). Tali informazzjoni addizzjonali tirreferi b'mod partikolari għal informazzjoni addizzjonali li tidentifika l-prodott jew teżamina r-riskju tiegħu f'xenarju ta' avvelenament (eż. il-kulur, it-togħma, ir-riħa, informazzjoni oħra li tgħin liċ-ċentri tal-veleni fil-valutazzjoni tagħhom tal-każ):



**Konċentrazzjonijiet eżatti**

Jekk inti tagħżel **Konċentrazzjonijiet eżatti** fil-kaxxa tal-għażla "Jekk jogħġbok agħżel it-tip ta' notifika", inti se tiġi mistoqsi(ja) jekk tixtieqx ittella' fajl għall-kompożizzjoni kwalitattiva u kwantitattiva:




- Jekk inti twieġeb **Iva**, inti se tintalab tehmeż il-fajl korrispondenti. Kun af li PDFs biss huma permessi.

> **Importanti**
>
> L-ebda dokument miktub **bl-idejn mhuwa** awtorizzat.
> Huma awtorizzati biss dokumenti PDF b'format ta' test elettroniċi ċari u leġġibbli.
>
> Sabiex jiffaċilita l-qari minn ċentri ta' veleni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, huwa rakkomandat li d-dokument tal-konċentrazzjoni eżatta jibda billi jsemmi l-ingredjenti ta' tħassib u l-konċentrazzjonijiet tagħhom (skont ir-regoli stabbiliti fl-Appendiċi għal dan il-Manwal għall-Utenti (ara p.57)) u mbagħad jelenka l-ingredjenti l-oħra kollha skont l-ordni li tonqos tal-konċentrazzjoni tagħhom fil-prodott.
>
> L-ismijiet tal-ingredjenti kollha għandhom jiġu espressi permezz ta' ismijiet INCI, meta jkunu disponibbli.
>
> Il-kwantitajiet tal-ingredjenti kollha għandhom jiġu espressi permezz ta' % w/w.
>
> Jekk jogħġbok uża n-notazzjoni Ingliża għan-numri. Pereżempju: 0.3, u MHUX 0,3.
>
> Meta l-informazzjoni dwar il-pH tkun meħtieġa u l-pH ma jkunx jista' jiġi mkejjel fil-prodott direttament, iżda permezz ta' soluzzjoni, estratt jew dispersjoni milwiema (eż. għal formulazzjonijiet solidi), l-utent għandu jsemmi dan fl-attribut iddedikat għal "Kwalunkwe informazzjoni oħra ta' importanza għaċ-ċentri tal-veleni" permezz tal-espressjoni "pH (aqueous extract/solution/dispersion)" bl-Ingliż biss.
>
> Għall-etanol u/jew isopropanol, **notifika aġġornata hi meħtieġa** fejn il-kontenut ta' kwalunkwe ingredjent jew tat-total taż-żewġ ingredjenti jinbidel b'aktar minn 5, jekk il-valur iddikjarat preċedentement ikun <30 %, jew b'aktar minn 10, jekk il-valur iddikjarat preċedentement ikun ≥ 30 %.
>
> Għall-ingredjenti l-oħra, teħtieġ notifika aġġornata meta l-konċentrazzjoni **ta' ingredjent tinbidel b'aktar minn 20 %** tal-valur iddikjarat preċedentement, **meta ingredjent ġdid jidħol fil-kompożizzjoni tal-prodott** jew **meta ingredjent ma jibqax jidħol fil-kompożizzjoni** tal-prodott.

- Jekk inti twieġeb **Le**, trid iddaħħal l-ingredjenti wieħed, wieħed. Sabiex tiffaċilita d-dħul tal-ismijiet tal-ingredjenti, hemm link għal **CosIng** minn fejn tista' tinkiseb l-informazzjoni. Inti tista' wkoll iddaħħal ingredjent jekk l-isem tiegħu ma jkunx inkluż fil-CosIng.
  Hawnhekk ukoll, huwa rakkomandat li inti tibda billi ssemmi l-ingredjenti ta' tħassib, u l-konċentrazzjoni tagħhom (skont ir-regoli stabbiliti fl-Appendiċi għal dan il-Manwal għall-Utenti (ara p.57)) u mbagħad telenka l-ingredjenti l-oħra kollha skont l-ordni li tonqos tal-konċentrazzjoni fil-prodott.

> **Importanti**
>
> L-ismijiet tal-ingredjenti kollha għandhom jiġu espressi permezz ta' **ismijiet INCI**, meta disponibbli.
> Il-kwantitajiet tal-ingredjenti kollha għandhom jiġu espressi permezz ta' % **w/w**.
> Is-simbolu % w/**w ma għandux jiġi indikat** fl-attribut tar-risposti.
> Jekk jogħġbok uża n-**notazzjoni Ingliża għan-numri**. Pereżempju: 0.3, u MHUX 0,3.

Fil-kaxxa testwali ta' taħt, jekk jogħġbok semmi wkoll kwalunkwe informazzjoni oħra dwar il-prodott li tkun ta' sinifikat għaċ-Ċentri tal-Veleni (bl-Ingliż biss). Tali informazzjoni addizzjonali tirreferi b'mod partikolari għal informazzjoni addizzjonali li tidentifika l-prodott jew teżamina r-riskju tiegħu f'xenarju ta' avvelenament (eż. il-kulur, it-togħma, ir-riħa, informazzjoni oħra li tgħin liċ-ċentri tal-veleni fil-valutazzjoni tagħhom tal-każ):




**Meded ta' konċentrazzjoni**

Jekk inti tagħżel **Meded ta' konċentrazzjoni** fil-kaxxa tal-għażla "Jekk jogħġbok agħżel it-tip ta' notifika", inti se tiġi mistoqsi(ja) jekk tridx ittella' fajl għall-kompożizzjoni kwalitattiva u kwantitattiva.




- Jekk inti twieġeb **Iva**, inti se tintalab tehmeż il-fajl korrispondenti. Kun af li PDFs biss huma permessi.

> *Importanti*
>
> **L-ebda dokument miktub bl-idejn mhuwa awtorizzat.**
>
> Huma awtorizzati biss dokumenti PDF b'format ta' test elettroniċi ċari u leġġibbli. Għal ingredjenti li mhumiex ta' tħassib speċjali **huma awtorizzati biss il-meded tal-konċentrazzjoni li ġejjin**:
>
> **≤ 0.1 %**
> **>0.1 % - ≤1 %**
> **>1 % - ≤ 5 %**
> **> 5 % - ≤ 10 %**
> **> 10 % - ≤ 25 %**
> **> 25 % - ≤ 50 %**
> **> 50 % - ≤ 75 %**
> **> 75 % - ≤ 100 %**
>
> Sabiex jiffaċilita l-qari minn ċentri ta' veleni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, huwa rakkomandat li d-dokument tal-konċentrazzjoni eżatta **jibda billi jsemmi l-ingredjenti ta' tħassib u l-konċentrazzjonijiet tagħhom** (skont ir-regoli stabbiliti fl-Appendiċi għal dan il-Manwal għall-Utenti (ara p.57)) **u mbagħad jelenka l-ingredjenti l-oħra kollha skont l-ordni li tonqos tal-konċentrazzjoni tagħhom fil-prodott**.
>
> Meta l-informazzjoni dwar il-pH tkun meħtieġa u l-pH ma jkunx jista' jiġi mkejjel fil-prodott direttament, iżda permezz ta' soluzzjoni, estratt jew dispersjoni milwiema (eż. għal formulazzjonijiet solidi), l-utent għandu jsemmi dan fil-qasam iddedikat għal "Kwalunkwe informazzjoni oħra ta' importanza għaċ-Ċentri tal-Veleni" permezz tal-espressjoni "**pH (aqueous extract/solution/dispersion)**" bl-Ingliż biss.
>
> Għall-**etanol u/jew isopropanol**, **notifika aġġornata hi meħtieġa** fejn il-**kontenut ta' kwalunkwe ingredjent jew tat-total taż-żewġ ingredjenti jinbidel b'aktar minn 5**, jekk il-valur iddikjarat preċedentement ikun <30 %, **jew b'aktar minn 10**, jekk il-valur iddikjarat preċedentement ikun ≥ 30 %.
>
> Għall-**ingredjenti l-oħra kollha ta' tħassib**, **tenħtieġ notifika aġġornata** fejn il-**konċentrazzjoni ta' ingredjent tinbidel b'aktar minn 20 %** tal-valur iddikjarat preċedentement (ara l-Appendiċigħal dan il-Manwal għall-Utenti (ara p.57) għal aktar dettalji).
>
> **Notifika aġġornata** hija wkoll **meħtieġa meta ingredjent jaqa' f'medda ta' konċentrazzjoni differenti minn dik iddikjarata preċedentement, meta ingredjent ta' tħassib ġdid** jidħol fil-kompożizzjoni tal-prodott jew **meta ingredjent ta' tħassib ma jibqax jidħol fil-kompożizzjoni** tal-prodott.

Bħall-formulazzjonijiet ta' qafas predefiniti, skont il-kategoriji tal-prodotti, il-forma fiżika u l-isem ta' formulazzjoni magħżul, se tintalab informazzjoni addizzjonali mis-CPNP dwar ingredjenti speċifiċi ta' tħassib u/jew il-valur tal-pH tal-prodott. Ir-regoli li japplika s-CPNP ġew elaborati minn grupp ta' esperti magħmul minn rappreżentanti minn ċentri tal-veleni, awtoritajiet kompetenti, assoċjazzjonijiet tal-kummerċ industrijali u servizzi tal-Kummissjoni u huma disponibbli għal konsultazzjoni fl-Appendiċi għal dan il-Manwal għall-Utenti (ara p.57). Il-links bejn il-kategoriji tal-prodotti kożmetiċi u r-regoli skattati mis-CPNP huma disponibbli taħt it-tab tal-links utli tas-CPNP.

Se ssir din l-ewwel mistoqsija li ġejja:




Jekk jogħġbok aqra l-lista kollha tal-ingredjenti b'attenzjoni billi tikklikkja fuq kull wieħed mis-simboli **+**.

Agħżel **Iva, ara hawn taħt,** immarka l-kaxxa tal-ingredjent(i) rilevanti u indika l-konċentrazzjoni(jiet) tiegħu/tagħhom fil-prodott, jew inkella agħżel **Le** skont kif ikun xieraq.

Għall-mistoqsijiet l-oħra, normalment ikollok l-għażla bejn li twieġeb il-mistoqsija fl-entrata/i ddedikata/i jew timmarka l-kaxxa/kaxex **Mhux applikabbli** jew **Ara d-dokument mehmuż**:




*Importanti*

Fil-każ ta' **etanol u/jew isopropanol**, "**Mhux applikabbli**" tfisser li dawn l-ingredjenti **mhumiex preżenti fil-prodott**!

Fil-każ tal-**ingredjenti kollha l-oħra ta' tħassib**, din tfisser li l-ingredjent **jew mhuwiex preżenti fil-prodott, jew inkella hu preżenti fil-prodott iżda taħt il-konċentrazzjoni ta' tħassib** (skont ir-regoli stabbiliti fl-Appendiċi għal dan il-Manwal għall-Utenti (ara p.57)).

"**Ara d-dokument mehmuż"** tista' tintuża biex tirrispondi mistoqsija speċifika biss meta l-informazzjoni mitluba dwar l-ingredjent ta' tħassib tiġi pprovduta fid-dokument ta' kompożizzjoni kwalitattiva u kwantitattiva mehmuż.

L-ismijiet tal-ingredjenti kollha għandhom jiġu espressi permezz ta' **ismijiet INCI**, meta disponibbli.

Il-kwantitajiet tal-ingredjenti kollha ta' tħassib għandhom jiġu espressi permezz ta' **% w/w**. Is-simbolu % **w/w ma għandux jiġi indikat** fl-attribut tar-risposti.

Jekk jogħġbok uża n-**Notazzjoni Ingliża għan-numri**, pereżempju: 0.3, u MHUX 0,3.

- Jekk twieġeb **Le**, inti se tintalab iddaħħal l-ingredjenti u l-meded ta' konċentrazzjoni korrispondenti wieħed wieħed skont l-ordni li tonqos tal-konċentrazzjoni fil-prodott. Sabiex tiffaċilita d-dħul tal-ismijiet tal-ingredjenti, hemm link għal **CosIng** minn fejn tista' tinkiseb l-informazzjoni. Inti tista' wkoll iddaħħal ingredjent jekk l-isem tagħha ma jkunx inkluż fil-CosIng:



Fil-kaxxa testwali ta' taħt, jekk jogħġbok semmi wkoll kwalunkwe informazzjoni oħra dwar il-prodott li tkun ta' sinifikat għaċ-Ċentri tal-Veleni (bl-Ingliż biss). Tali informazzjoni addizzjonali tirreferi b'mod partikolari għal informazzjoni addizzjonali li tidentifika l-prodott jew teżamina r-riskju tiegħu f'xenarju ta' avvelenament (eż. il-kulur, it-togħma, ir-riħa, informazzjoni oħra li tgħin liċ-ċentri tal-veleni fil-valutazzjoni tagħhom tal-każ).

**L-ittikkettar oriġinali u l-imballaġġ oriġinali**

Uża din it-taqsima biex tehmeż l-**ittikkettar oriġinali** u **ritratt** tal-imballaġġ oriġinali (fejn raġonevolment leġġibbli).




Il-format PDF, JPG jew JPEG biss huma aċċettati.

Jekk jogħġbok innota li "Oriġinali" tfisser dak korrispondenti għall-ewwel tqegħid fis-suq fl-UE.

Is-sottomissjoni tal-ittikkettar oriġinali u ta' ritratt tal-imballaġġ oriġinali (fejn ikun raġonevolment leġġibbli) hija obbligatorja mhux aktar tard minn meta l-prodott jitqiegħed fis-suq.

Jistgħu jseħħu diversi sitwazzjonijiet:

Eżempju 1:
Prodott b'komponent wieħed mingħajr imballaġġ sekondarju (eż. bott ta' xampù waħdu)
→ L-ittikkettar oriġinali tal-bott u, jekk ikun raġonevolment leġġibbli, għandu jiġi sottomess ritratt tal-bott.

Eżempju 2:
Prodott b'komponent wieħed b'imballaġġ sekondarju (eż. bott xampù f'kaxxa)
→ L-ittikkettar oriġinali tal-kaxxa (imballaġġ ta' barra) u, jekk ikun raġonevolment leġġibbli, għandu jiġi sottomess ritratt tal-kaxxa.
→ Alternattivament, jistgħu jiġu sottomessi wkoll l-ittikkettar oriġinali u r-ritratt tal-bott.

Eżempju 3:
Prodott b'aktar minn komponent wieħed (eż. sett magħmul minn tliet bottijiet)
→ L-ittikkettar oriġinali tas-sett u, jekk ikun raġonevolment leġġibbli, għandu jiġi sottomess ritratt tas-sett.
→ Alternattivament, l-ittikkettar oriġinali ta' kull bott u r-ritratt ta' kull bott jistgħu jiġu miżjuda wkoll man-notifika fil-livell tal-komponent.

### Importanti

L-ittikkettar għandu jinkludi kwalunkwe test, simboli, stampi eċċ. (*eż.* grafika). Dan għandu b'mod partikolari jkopri l-elementi obbligatorji kollha msemmija fl-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009. F'każijiet fejn, b'mod konformi mal-Artikolu 19(2), xi informazzjoni obbligatorja tissemma fuq fuljett, tikketta, tag jew kard inkorporati jew mehmuża, dan il-fuljett, tikketta, tag jew kard għandhom jiġu inklużi wkoll fin-notifika.

Jekk in-notifika tkun tkopri diversi daqsijiet jew ilwien tal-pakkett, l-aktar l-ittikkettar u imballaġġ oriġinali leġġibbli għandhom jiġu mehmużin man-notifika, ġeneralment l-ikbar daqs tal-pakkett.

♦ **Sabiex iżżid stampa tal-ittikkettar oriġinali jew ritratt tal-imballaġġ oriġinali:**

1. Ikklikkja Żid dokument

   *Riżultat:* Se tintwera pop up fejn id-dokumenti jistgħu jittellgħu.

2. Ikklikkja **Ibbrawżja** fil-pop up Żid Dokument u agħżel id-dokument fl-istruttura tal-fowlder.
3. Ikklikkja **Issejvja**.
4. Jekk ikun hemm bżonn, uża + biex ittella' dokumenti addizzjonali.

### Importanti

Id-**daqs** tad-dokumenti mehmużin kollha (l-ittikkettar, ritratt tal-imballaġġ, dokument ta' kompożizzjoni) ma jistax jaqbeż iż-**2 MB**.

L-ittikkettar jista' jiġi sottomess ukoll permezz tal-kaxxa ta' test liberu. Dan madankollu huwa limitat għal każijiet speċifiċi ħafna fejn l-**ittikkettar ikun magħmul <u>esklużivament</u> minn test**.



# II. Notifika ta' prodott b'aktar minn komponent wieħed




*Prodott b'aktar minn komponent wieħed jirreferi għal ġabra ta' komponenti mibjugħa kif stabbiliti u maħsuba biex jintużaw bħala taħlita jew b'mod sekwenzjali (eż. kitt għaż-żebgħa tax-xagħar, kitt għat-tqaxxir tal-ġilda, prodott għal stili permanenti, eċċ.)*

Notifika relatata ma' prodotti magħmula minn diversi komponenti (eż. settijiet taż-żebgħa tax-xagħar, settijiet tal-make-up) li mhumiex ikkummerċjalizzati separatament se jkunu differenti minn dawk ta' prodott b'komponent wieħed.

**Importanti**

– L-idea ta' prodott b'komponent wieħed jew aktar ma għandha xejn x'taqsam mal-fatt li prodott fih diversi ingredjenti/sustanzi fil-kompożizzjoni tiegħu!!

– Jekk jogħġbok innota li s-settijiet mhumiex meħtieġa li jiġu nnotifikati bħala prodotti b'aktar minn komponent wieħed sakemm il-komponenti kollha li jiffurmaw dan is-sett ikunu ġew innotifikati individwalment.

Paġna ta' notifika ta' aktar minn komponent wieħed hi komposta minn 3 tabs differenti, jiġifieri t-tabs 1 **Kitt ta' informazzjoni ġenerali** u 2 **Komponent**:




## Tab "Kit ta' informazzjoni ġenerali"

It-tab **Kitt ta' informazzjoni ġenerali** tippermetti lill-Persuna Responsabbli ddaħħal xi informazzjoni ġenerali dwar il-prodott (*eż.* kitt, sett, eċċ.).



Ħlief għall-grupp ta' mistoqsijiet fil-blokka li jibdew b'**Il-komponenti tal-prodott iridu jitħalltu?**, l-informazzjoni li għandha tiddħaħal fit-tab **Kitt ta' informazzjoni ġenerali** hi l-istess bħall-informazzjoni mitluba fit-tab **Informazzjoni ġenerali** ta' prodott b'komponent wieħed. B'hekk, għal deskrizzjoni tal-attributi komuni, jekk jogħġbok irreferi għal "I. Innotifika prodott b'komponent wieħed", "Tab ta' informazzjoni ġenerali", p. 13).

Il-mistoqsijiet addizzjonali speċifiċi għal prodotti b'aktar minn komponent wieħed huma raggruppati fil-blokka li tibda b'**Il-komponenti għandhom bżonn jitħalltu?**

L-ewwel mistoqsija hi din:




Jekk twieġeb **Iva** għal din il-mistoqsija, inti se tiġi mistoqsi(ja) jekk il-prodott huwiex żebgħa tax-xagħar:




Jekk twieġeb **Le** għall-mistoqsija dwar iż-żebgħa tax-xagħar, inti se tiġi mistoqsi(ja) jekk il-pH hijiex inqas minn 3 jew ogħla minn 10:




Jekk twieġeb **Iva** għall-mistoqsija dwar il-pH, inti se tintalab tispeċifika l-medda tal-pH. Il-medda tal-pH ma tistax taqbeż unità waħda tal-pH.




Jekk inti tindika li l-prodott hu żebgħa tax-xagħar, is-CPNP se jitlob direttament il-medda tal-pH. Il-medda tal-pH ma tistax taqbeż unità waħda tal-pH.




## Tabs "Komponent"

It-tabs "**Komponent**" jippermettulek tipprovdi informazzjoni dwar kull wieħed mill-komponenti b'mod separat (għal linji gwida dwar il-mili ta' kull tab, jekk jogħġbok irreferi għall-istess informazzjoni relatata mal-prodotti b'komponent wieħed p.13).



Ħlief għal **Isem/ismijiet tal-komponent(i)** f'lingwa waħda jew aktar, l-informazzjoni li għandha tiddaħħal fit-tabs **Komponent** ta' prodott b'ħafna komponenti hi simili għall-informazzjoni mitluba fit-tab **Informazzjoni ġenerali** ta' prodott b'komponent wieħed. B'hekk, għal deskrizzjoni tal-attributi komuni, jekk jogħġbok irreferi għal "I. Innotifika prodott b'komponent wieħed", "Tab ta' informazzjoni ġenerali", p. 13).

### *Importanti*

L-**isem tal-komponent huwa element kruċjali** tan-notifika peress li jista' jintuża minn awtoritajiet kompetenti jew minn ċentri tal-veleni biex ifittxu komponent speċifiku fil-bażi tad-dejta.

Eżempju:




Il-kitt Marine HAIRCARE* fiha 3 komponenti:

- Komponent 1
  Isem (EN): HairShock Revitalising Mousse
- Komponent 2
  Isem (EN): HairShock Restructuring Fluid
- Komponent 3Isem (EN): HairShock Volumising Cream

*(*)Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà: Il-prodott muri hawn mhuwiex prodott ta' veru; l-isem u l-markar kollu tiegħu ġew ivvintati bi skop uniku ta' kjarifika.*

L-isem tal-komponent irid ikun iddettaljat biżżejjed biex jippermetti l-identifikazzjoni speċifika tiegħu.

Hu biss f'każijiet fejn il-komponent ma għandux isem (*eż.* ċerti komponenti ta' setting tal-irtokk) li l-isem tal-komponent għandu jinftiehem bħala d-deskrizzjoni tal-komponent li tippermetti l-identifikazzjoni speċifika tiegħu.

B'mod predefinit jintwerew 2 tabs ta' Komponenti, iżda jistgħu jiżdiedu oħrajn addizzjonali man-notifika jekk ikun hemm bżonn permezz tal-buttuna **Żid komponent**.

## Editjar tal-Prodott

L-għażla **Editja prodott** hi disponibbli għal Persuni Responsabbli biss.
Bħala Persuna Responsabbli, inti tista' teditja notifika li tkun daħħalt qabel fis-sistema.

- **Biex teditja notifika:**

1. Agħmel Tiftixa Sempliċi jew Avvanzata biex tfittex il-prodott mixtieq (ara "Użu tal-Għodod tat-Tiftix", p.52).
2. Jew:
   Ikklikkja **Editja prodott** ħdejn il-prodott mixtieq fil-lista tar-riżultati tat-tiftixa:




   Jew:
   Ikklikkja fuq l-iperlink tal-prodott mixtieq fil-kolonna "Isem tal-Prodott" tal-lista tar-riżultati tat-tiftixa.

   Jew:
   Ikklikkja **Ara l-prodott** ħdejn il-prodott mixtieq fil-lista tar-riżultati tat-tiftixa, u mbagħad ikklikkja **Editja** fuq il-paġna tad-dettalji tal-prodott.
3. Agħmel it-tibdiliet meħtieġa u ssejvja.

> ***Importanti***
>
> Meta kwalunkwe informazzjoni stabbilita fil-paragrafi 1, 3 u 4 tal-Artikolu 13 tar-Regolament 1223/2009 tinbidel, il-persuna responsabbli jew id-distributur għandhom jaġġornaw in-notifika tagħhom **mingħajr dewmien**.

Ladarba ssir/isiru t-tibdila/tibdiliet, is-sistema titolbok tispeċifika liema tip ta' modifika għamilt (aġġornament jew korrezzjoni) u liema informazzjoni speċifika ġiet immodifikata:




## Importanti

Huwa importanti li ssir **distinzjoni ċara bejn aġġornament u korrezzjoni**. Huwa partikolarment importanti li ssir din id-distinzjoni meta tikkonċerna l-formulazzjoni.

"**Aġġornament**" tal-formulazzjoni tfisser bidla ta' informazzjoni preċedentement valida. Id-dejta oriġinali tirrigwarda l-formulazzjoni tal-prodott ta' qabel filwaqt li s-sett tad-dejta aġġornat jirrigwarda l-formulazzjoni l-ġdida. Iċ-ċentri tal-veleni jridu jevalwaw iż-żewġ formulazzjonijiet f'każ li ma jkunux jistgħu jiddeċiedu b'mod affidabbli liema verżjoni ta' formulazzjoni hija involuta fil-każ ta' esponiment.

"**Korrezzjoni**" tal-formulazzjoni tfisser bidla tal-informazzjoni tal-prodott li tkun żbaljata jew mhux kompluta mingħajr ma tinbidel il-formola (fil-ħajja reali). Iċ-ċentri tal-veleni għandhom biss jevalwaw is-sett tad-dejta korrett.

Bħala Persuna Responsabbli, inti għandek il-possibbiltà li żżid kumment (bl-Ingliż biss) fil-kaxxa ta' taħt tat-test liberu jekk tkun tixtieq tipprovdi aktar dettalji dwar il-modifika li għamilt.

Ikklikkja **Issejvja** biex tinnotifika t-tibdiliet fis-sistema. Imbagħad dawn jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Awtoritajiet Kompetenti u taċ-Ċentri tal-Veleni.

## Importanti

Aġġornament biss (u mhux korrezzjoni) tal-formulazzjoni u/jew kategorija se joħolqu verżjoni ġdida ta' notifika. It-tibdiliet l-oħra kollha se jirriżultaw sempliċiment fi kronogramma ġdida tal-istess verżjoni tan-notifika.

## Duplikazzjoni tal-Prodotti

L-għażla **Idduplika prodott** tippermetti lil Persuni Responsabbli biss jidduplikaw prodotti li jkunu nnotifikaw. Din tista' tkun siewja meta prodotti simili ħafna jkunu se jiġu nnotifikati b'mod separat, jiġifieri inti ma jkollokx toqgħod terġa' ddaħħal l-istess informazzjoni.

♦ **Biex tidduplika prodott:**

1. Agħmel Tiftixa Sempliċi jew Avvanzata biex tfittex il-prodott innotifikat mixtieq (ara "Użu tal-Għodod tat-Tiftix", p.52).

2. Jew:
   Ikklikkja **Prodott duplikat** ħdejn il-prodott mixtieq fil-lista tar-riżultati tat-tiftixa:



Show 10 entries — Search:

| Ref. CPNP | Isem il-Prodott | Il-Persuna Responsabbli | Kategorija | Isem il-Formulazzjoni | Verżjoni | L-ewwel data ta' notifika | Status | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1004964 | Burro di albicocca | [redacted] | Face mask | KREMA, LOTION, ĠELL GĦALL-KURA TAL-ĠILDA | 1 | 2017/04/05 | Innotifikat | Ikkopja l-prodott |
| 1005804 | Delice Hair Volume Foam | [redacted] | Prodotti mhux ossidattivi biex jinżebagħ ix-xagħar | KOLORANT TAX-XAGĦAR (TEMPORANJU OR SEMIPERMANENTI) - LIKWIDU, | 1 | 2017/04/05 | Innotifikat | |

   Jew:
   Ikklikkja fuq l-iperlink tal-prodott mixtieq fil-kolonna "Isem tal-Prodott" tal-lista tar-riżultati tat-tiftixa, u mbagħad ikklikkja l-buttuna **Prodott duplikat** fuq nett jew fil-qiegħ tal-paġna tal-prodott

   Jew:
   Ikklikkja **Ara l-prodott** ħdejn il-prodott mixtieq fil-lista tar-riżultati tat-tiftixa, u mbagħad ikklikkja l-buttuna **Idduplika l-prodott** fuq nett jew fil-qiegħ tal-paġna tal-prodott.

   *Riżultat:* Jintwera l-prodott duplikat. Is-CPNP tidduplika d-dejta kollha ħlief ir-risposti għall-mistoqsijiet relatati mal-ingredjenti ta' tħassib, mal-ittikkettar mehmuż (u l-imballaġġ fejn xieraq) u l-kaxxa tal-għażla **Prodott lest li jitqiegħed fis-suq jew diġà mqiegħed fis-suq.**

3. Ikklikkja **Issejvja bħala abbozz** u agħmel l-aġġustamenti meħtieġa fil-prodott duplikat.

## Ikkupjar tal-Prodotti Għal Organizzazzjoni Oħra

L-għażla **Ikkopja l-prodotti tiegħek għal Persuna Responsabbli oħra** fil-menu Ammin jintuża biex tiġi kkupjata firxa tal-prodotti tiegħek għal Persuna Responsabbli oħra (pereżempju, fil-każ ta' fużjoni). Imbagħad, il-prodotti magħżula jiġu kkupjati fl-interfaċċa tal-utent tal-Persuna Responsabbli nnominata, bir-referenzi l-ġodda tal-prodott tas-CPNP, status ABBOZZ u ikona speċjali li turi li dawn ġejjin mingħand Persuna Responsabbli oħra. Imbagħad, il-Persuna Responsabbli tkun tista' teditja dawn il-prodotti bl-informazzjoni tagħha stess. (L-informazzjoni kollha tiġi kkupjata mis-sors, ħlief għall-informazzjoni dwar l-imballaġġ u l-ittikkettar, u d-dettalji tal-persuna ta' kuntatt).

Fl-interfaċċa tiegħek stess, il-prodotti oriġinali jibqgħu mhux affettwati; se jkun hemm biss ikona speċjali oħra li tindika li dawn ġew ikkupjati għal Persuna Responsabbli oħra.

♦ **Biex tikkopja prodotti**

1. Fil-menu **Ammin**, agħżel **Ikkopja l-prodotti tiegħek għal Persuna Responsabbli oħra**.
2. Fil-kaxxa **Fittex**, daħħal l-ID unika tal-Persuna Responsabbli li għaliha tixtieq tikkopja l-prodotti jew l-ewwel ittri ta' isimha.

   *Riżultat:* Tintwera lista tal-organizzazzjonijiet li jaqblu:




3. Ikklikkja fuq l-organizzazzjoni mixtieqa fil-lista biex tagħżilha.

   *Riżultat:* Jintwerew l-isem sħiħ u l-indirizz tal-organizzazzjoni magħżula:




4. Agħżel l-organizzazzjoni mixtieqa fil-lista.
5. Fit-tabella t'isfel, immarka l-kaxex għal kull prodott li se jiġi kkopjat:



Show 10 entries Search:

| Ref. CPNP | Isem il-Prodott | Il-Persuna Responsabbli | Kategorija | Isem il-Formulazzjoni | Verżjoni | L-ewwel data ta' notifika | Status | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1004964 | Burro di albicocca | [redacted] | Face mask | KREMA, LOTION, ĠELL GĦALL-KURA TAL-ĠILDA | 1 | 05/04/2017 | Innotifikat | ☐ |
| 1005804 | Delice Hair Volume Foam | [redacted] | Prodotti mhux ossidattivi biex jinżebagħ ix-xagħar | KOLORANT TAX-XAGĦAR (TEMPORANJU OR SEMIPERMANENTI) - LIKWIDU, KREMA, FOWM | 1 | 05/04/2017 | Innotifikat | ☐ |
| 1005827 | MARINE SKINCARE / BlueMiracle Hyaluron Feuchtigkeitsmaske | [redacted] | Prodotti għat-tneħħija tal-make-up | PRODOTT GĦAT-TNEĦĦIJA | 1 | 28/06/2017 | Innotifikat | ☐ |

*Dwar l-IDs tal-Persuni Responsabbli:* Kull Persuna Responsabbli hi identifikata unikament permezz ta' ID assenjata mis-sistema fis-CPNP. Din l-ID hi parti mill-profil ta' Persuna Responsabbli u tista' tiġi kkonsultata bl-użu tal-iperlink Profil fil-Żbarra tal-link ta' fuq (ara p.10)

6. Jekk inti tixtieq tikkopja prodotti li diġà kkupjajt għal organizzazzjoni oħra fl-imgħoddi, jekk jogħġbok immarka l-kaxxa **Inklużi prodotti li qabel ġew ikkopjati għal Persuna Responsabbli oħra**. Dan minnufih jaġġorna l-lista ta' taħt biex tinkludi t-tali prodotti wkoll.
7. Ikklikkja **Ikkopja l-prodotti**.
8. Wieġeb il-messaġġ ta' konferma.

*Riżultat:* Il-prodotti magħżula minnufih isiru disponibbli għall-Persuna Responsabbli riċevitur fl-interfaċċa tal-utent tas-CPNP tagħha. Ikona speċjali (jiġifieri bieb bi vleġġa tipponta 'l ġewwa) tidher qrib dawk il-prodotti biex tindika li dawn ġejjin mingħand organizzazzjoni oħra:




Fl-istess ħin, tidher ikona speċjali oħra ħdejn il-prodott li kkopjajt għal organizzazzjoni oħra: (jiġifieri bieb bi vleġġa li tipponta 'l barra).

## Iċ-Ċaqliq ta’ Prodotti Lejn Suborganizzazzjoni

L-għażla **Ċaqlaq il-prodotti** fil-menu Ammin tintuża biex tmexxi prodott wieħed jew aktar mill-organizzazzjoni tiegħek jew waħda mis-suborganizzazzjonijiet tagħha f’oħra tas-suborganizzazzjonijiet tiegħek jew fl-organizzazzjoni ewlenija tiegħek. Imbagħad il-prodotti magħżula jintwerew bħala ABBOZZ fl-interfaċċa tal-utent tal-Persuna Responsabbli nnominata, bl-istess Referenzi tal-Prodotti tas-CPNP. Jekk jogħġbok innota li l-informazzjoni kollha hi kkupjata, ħlief għall-informazzjoni dwar l-imballaġġ u l-ittikkettar, u d-dettalji tal-persuna ta’ kuntatt.

♦ **Biex iċċaqlaq il-prodotti**

1. Fil-menu **Ammin**, agħżel **Ċaqlaq il-prodotti**.
2. Iftaħ il-kaxxa tal-għażla **Agħżel is-suborganizzazzjoni (MINN)** u agħżel l-organizzazzjoni sors li bħalissa hi sid il-prodott(i).

   *Riżultat:* Tintwera l-lista tal-prodotti li jappartjenu għall-organizzazzjoni magħżula:




3. Fl-aktar kolonna tal-lemin tal-lista, immarka l-kaxxi għal kull prodott li jrid jitmexxa.
4. Iftaħ il-kaxxa tal-għażla **Agħżel is-suborganizzazzjoni (GĦAL)** u agħżel l-organizzazzjoni li għaliha tixtieq tmexxi l-prodotti magħżula.
5. Ikklikkja **Ċaqlaq il-prodotti**.

   *Riżultat:* Il-prodotti magħżula minnufih isiru disponibbli għas-suborganizzazzjoni riċevitur.

## Jiġi Żgurat is-Segwitu tan-Notifiki tal-Prodotti

L-għażla **In-notifiki tiegħi** fil-menu Prodotti tipprovdi ħarsiet ġenerali veloċi lejn prodotti tal-RPs għal skopijiet ta' segwitu u ta' ġestjoni faċli.

- **Biex tikkonsulta n-notifiki tal-prodotti tiegħek**

1. Fil-menu **Prodotti**, agħżel **In-notifiki tiegħi**.
2. B'mod predefinit, il-paġna *In-notifiki tal-prodotti tiegħi* turi lista tal-prodotti Abbozzati kif ukoll Innotifikati kollha mill-RP/organizzazzjoni tiegħek, f'ordni skont l-aktar dejta tal-modifika riċenti:




3. Tista' tuża l-għażliet tal-filtru fin-naħa ta' fuq tal-paġna biex tiffoka biss fuq prodotti Abbozzati jew Innotifikati, prodotti mdaħħla matul ċertu perjodu, b'persuna ta' kuntatt partikolari, eċċ.

## Kif Tara d-Dettalji tal-Prodotti

Biex tara d-dettalji ta' prodott minn paġna tar-riżultati tat-tiftixa, ikklikkja l-iperlink tal-*Isem tal-Prodott* mixtieq (din se tiftaħ il-paġna tad-dettalji tal-prodott fil-modalità tal-editjar), jew ikklikkja **Ara l-Prodott**.

Fil-modalità Ara, it-taqsima ta' fuq ta' paġna tad-dettalji ta' prodott tipprovdi l-intestatura tal-prodott. Fiha l-informazzjoni li ġejja:

**Isem il-prodott:** MARINE SKINCARE / BlueMiracle Feuchtigkeitsmaske
**Isem il-Persuna Responsabbli:** EUCOSOFTWARE1
**Referenza CPNP:** 1005832 **Id-data tal-ewwel notifika:** 06/07/2017 16:15:41
**Verżjoni attwali:** 1 **Verżjoni(jiet) preċedenti:** N/A

- l-isem tal-prodott;
- l-isem tal-prodott bil-lingwa tal-interfaċċa;
- l-isem tal-persuna responsabbli;
- ir-referenza tas-CPNP jiġifieri r-referenza mogħtija mis-CPNP lill-prodott;
- in-numru tal-verżjoni attwali (li jindika l-verżjoni tal-formula, mhux il-verżjoni tas-sett ta' dejta, ara hawn taħt);
- id-data tal-ewwel notifika;
- il-verżjoni(jiet) preċedenti tal-prodott (jekk jeżistu).

It-taqsima t'isfel ta' paġna tal-prodott tiddependi minn jekk il-prodott huwiex prodott b'komponent wieħed jew b'aktar.

## Prodotti b'komponent wieħed

L-informazzjoni disponibbli fit-taqsima t'isfel ta' prodott b'komponent wieħed hi organizzata fit-tabs li ġejjin:

Informazzjoni ġenerali | Dettalji tal-prodott | Verżjonijiet (1) | Distribut | Kummenti CAs/PICs (3)

### Informazzjoni ġenerali

It-tab "Informazzjoni ġenerali" turi xi informazzjoni ġenerali dwar il-prodott, *eż.*:

- ir-referenza tas-CPNP;
- ir-referenza tal-industrija (għall-użu intern tal-industrija);
- il-verżjoni tan-notifika;
- id-data u t-timbru bil-ħin tal-aħħar modifika;
- l-isem(ismijiet) tal-prodott, l-ilwien (jekk applikabbli) u l-lingwa(i) korrispondenti, mogħtija mill-persuna responsabbli u mid-distributuri;
- l-informazzjoni dwar jekk il-prodott huwiex speċifikament **maħsub għal tfal taħt it-3 snin**;
- id-dettalji tal-**persuna responsabbli** (mill-inqas l-isem u l-indirizz);
- id-dettalji tal-**persuna ta' kuntatt**;
- l-informazzjoni dwar jekk il-**prodott** huwiex **lest biex jitqiegħed fis-suq jew huwiex diġà mqiegħed fis-suq**;
- jekk il-**prodott ġiex importat fil-Komunità** (u jekk iva, il-**pajjiż ta' oriġini**);
- l-**Istat Membru tal-ewwel tqegħid fis-suq**.

### Dettalji tal-prodotti

It-tab "Dettalji tal-prodott" turi informazzjoni dwar:

- il-**kategorija** tal-prodott;
- il-**forma fiżika** tal-prodott;
- l-**applikatur jew l-imballaġġ speċjali** (jekk applikabbli);
- informazzjoni dwar il-**pH tal-prodott** (jekk applikabbli);
- it-**tip ta' notifika** (jiġifieri formulazzjonijiet ta' qafas predefiniti, il-konċentrazzjonijiet eżatti jew meded ta' konċentrazzjoni);
- l-**informazzjoni dwar ingredjenti perikolużi** inklużi fil-prodott (isem u kwantità % w/w).
  (Nota: fejn ikun indikat "**mhux applikabbli**", it-tifsira tiġi indikata fil-kolonna tal-lemin, jiġifieri **jew** tfisser li l-ingredjent "**mhux preżenti**" fil-prodott (f'dan il-każ jiġi indikat 0% w/w) jew inkella jkun preżenti fil-prodott iżda taħt il-konċentrazzjoni ta' tħassib (f'dan il-każ il-konċentrazzjoni ta' tħassib tiġi indikata));
- l-**isem ta' formulazzjoni** (u n-numru ta' formulazzjoni fil-każ ta' formulazzjoni ta' qafas predefinita);
- iperlink għall-**kompożizzjoni** tal-prodott (formulazzjoni ta' qafas predefinita, kompożizzjoni eżatta jew kompożizzjoni b'meded);
- informazzjoni dwar **sustanzi CMR tal-kategorija 1A jew 1B** preżenti fil-prodott;
- informazzjoni dwar sustanzi fil-forma ta' **nanomaterjali** preżenti fil-prodott;

- l-**imballaġġ oriġinali** tal-prodott (aċċessibbli billi tikklikkja fuq );
- l-**ittikkettar oriġinali** tal-prodott (aċċessibbli billi tikklikkja fuq );
- l-**ittikkettar oriġinali** tal-prodott (test biss).

### Verżjonijiet

Jekk jeżistu diversi verżjonijiet għall-istess prodott, it-tab "Verżjonijiet" tindika fil-parentesi n-numru ta' verżjonijiet disponibbli u turi informazzjoni dwar dawn il-verżjonijiet differenti tan-notifika (perjodu ta' validità, tip ta' bidla (aġġornament jew korrezzjoni) u r-raġuni għall-bidla.

Il-buttuni li ġejjin huma disponibbli fuq il-kantuniera tal-lemin fuq in-naħa ta' fuq u ta' isfel ta' kull tab:

- **Ikkopja l-prodott** tippermettilek tidduplika l-prodott notifikat attiv (*ara* 'Duplikazzjoni tal-Prodotti', p. 36).
- **Editja** (disponibbli jekk ftaħt il-paġna tal-prodott bl-ikona **Ara l-prodott**) tippermettilek timmodifika l-informazzjoni dwar il-prodott (*ara* 'Editjar tal-Prodott', p.34).
- **PDF** tippermettilek toħloq dokument PDF għan-notifika.
- **Lura** tippermettilek tmur lura għall-iskrin tat-tiftixa.

## Prodotti b'Aktar Minn Komponent Wieħed

L-informazzjoni disponibbli fit-taqsima t'isfel ta' prodott b'aktar minn komponent wieħed hi organizzata fit-tabs li ġejjin:




### Informazzjoni ġenerali

It-tab "Informazzjoni ġenerali" turi xi informazzjoni ġenerali dwar il-prodott, *eż.*:

- ir-**referenza** tas-CPNP jiġifieri r-referenza mogħtija mis-CPNP lill-prodott;
- ir-**referenza tal-industrija** jiġifieri r-referenza mogħtija mill-industrija lill-prodott (għall-użu intern tal-industrija);
- il-**verżjoni tan-notifika**;
- id-**data u t-timbru bil-ħin tal-aħħar modifika**;
- l-**isem(ismijiet) tal-prodott, l-ilwien (jekk applikabbli) u l-lingwa(i) korrispondenti**, mogħtija mill-persuna responsabbli u mid-distributuri;
- l-informazzjoni dwar jekk il-prodott huwiex speċifikament **maħsub għal tfal taħt it-3 snin**;
- id-dettalji tal-**persuna responsabbli** (mill-inqas l-isem u l-indirizz);
- id-dettalji tal-**persuna ta' kuntatt**;
- l-informazzjoni dwar jekk il-**prodott** huwiex **lest biex jitqiegħed fis-suq jew huwiex diġà mqiegħed fis-suq**;
- jekk il-**prodott huwiex importat fil-Komunità** (u jekk iva, il-**pajjiż ta' oriġini**);
- l-**Istat Membru tal-ewwel tqegħid fis-suq**;
- il-**pH tal-prodott imħallat** (jekk ikun xieraq)
- l-**imballaġġ oriġinali** tal-prodott(aċċessibbli billi tikklikkja fuq );
- l-**ittikkettar oriġinali** tal-prodott (aċċessibbli billi tikklikkja fuq );
- l-**ittikkettar oriġinali** tal-prodott (test biss)

### Komponent

Kull tab(s) "Komponent" turi (juru) informazzjoni dwar:

- l-isem (ismijiet) tal-komponent, l-ilwien (jekk applikabbli) u l-lingwa(i) korrispondenti, mogħtija mill-persuna responsabbli u mid-distributuri, jekk applikabbli;
- il-**kategorija** tal-komponent;
- il-**forma fiżika** tal-komponent;
- l-**applikatur jew l-imballaġġ speċjali** (jekk applikabbli);
- it-**tip ta' notifika** (jiġifieri formulazzjonijiet ta' qafas predefiniti, il-konċentrazzjonijiet eżatti jew meded ta' konċentrazzjoni)**;**
- l-**informazzjoni dwar ingredjenti ta' tħassib** inkluża fil-komponent (isem u kwantità % w/w). (Nota: Fejn ikun indikat "**mhux applikabbli**", it-tifsira tiġi indikata fil-kolonna tal-lemin, jiġifieri **jew** tfisser li l-ingredjent "**mhux preżenti**" fil-prodott (f'dan il-każ jiġi indikat 0% w/w) jew inkella jkun preżenti fil-prodott iżda taħt konċentrazzjoni ta' tħassib (f'dan il-każ il-konċentrazzjoni ta' tħassib tiġi indikata));
- iperlink għall-**kompożizzjoni** tal-komponent (formulazzjoni ta' qafas predefinita, kompożizzjoni eżatta jew kompożizzjoni b'meded);
- l-**isem ta' formulazzjoni** tal-komponent;
- informazzjoni dwar **sustanzi CMR tal-kategorija 1A jew 1B** preżenti fil-komponent;

- informazzjoni dwar sustanzi fil-forma ta' **nanomaterjali** preżenti fil-komponent;
- informazzjoni oħra ta' importanza għaċ-ċentri tal-veleni;
- b'mod fakultattiv, l-**imballaġġ oriġinali** tal-komponent (aċċessibbli billi tikklikkja fuq );
- b'mod fakultattiv, l-**ittikkettar oriġinali** tal-komponent (aċċessibbli billi tikklikkja fuq );
- b'mod fakultattiv, l-ittikkettar oriġinali tal-komponent (test biss)

## Verżjonijiet

Jekk jeżistu diversi verżjonijiet għall-istess prodott, it-tab "Verżjonijiet" tindika fil-parentesi n-numru ta' verżjonijiet u turi informazzjoni dwar dawn il-verżjonijiet differenti tan-notifika (dati ta' validità, tip ta' bidla (aġġornament jew korrezzjoni) u r-raġuni għall-bidla.

Il-buttuni li ġejjin huma disponibbli fuq il-kantuniera tal-lemin fuq in-naħa ta' isfel:

- Ikkopja l-prodott tippermettilek tidduplika n-notifika attiva (*ara* 'Duplikazzjoni tal-Prodotti", p. 36).
- Editja (disponibbli jekk ftaħt il-paġna tal-prodott bl-ikona **Ara l-prodott**) tippermettilek timmodifika l-informazzjoni dwar il-prodott (*ara* 'Editjar tal-Prodott", p.34).
- PDF tippermettilek toħloq dokument PDF għan-notifika.
- Lura tippermettilek tmur lura għall-iskrin tat-tiftixa.

# Immaniġġjar tal-Persuni ta' Kuntatt

Il-menu tal-**Persuni ta' kuntatt** hu disponibbli għal <u>Persuni Responsabbli **biss**</u>. Jintuża għall-immaniġġjar (jiġifieri l-ħolqien, l-editjar, it-tħassir) tal-persuni ta' kuntatt kollha assoċjati jew li jistgħu jiġu assoċjati man-notifiki.




Kull persuna ta' kuntatt li utent joħloq / jimmodifika fuq notifika tiżdied / tiġi mmodifikata minnufih fil-modulu tal-Persuni ta' Kuntatt, u viċi versa. Kull Persuna ta' kuntatt ġdida tiġi allokata b'mod awtomatiku b'ID unika u tiġi deskritta bl-isem, bl-indirizz postali, bin-numri tat-telefown u tal-fax u bl-indirizz tal-posta elettronika tagħha.

- **Biex tikkonsulta d-dettalji tal-Persuni ta' kuntatt:**

1. Mill-menu **Persuni ta' kuntatt**, agħżel **Lista**.
2. Biex tfittex persuna speċifika, daħħal l-ewwel ftit karattri (jiġifieri mill-inqas tliet karattri) tal-isem jew tal-kunjom tagħha fil-kaxxa tat-tiftixa. Ir-riżultati kollha li jaqblu jiġu elenkati fit-taqsima t'isfel:




Jew,

Agħżel l-iperlink **Żid persuni ta' kuntatt** biex turi l-lista bis-sħiħ.

3. Biex teditja persuna fil-lista, ikklikkja ħdejn il-persuna, agħmel il-bidliet xierqa, u mbagħad ikklikkja **Issejvja**.

Jew,

Biex tħassar persuna, ikklikkja u wieġeb il-messaġġ ta' konferma.
(Jekk jogħġbok kun af li Persuna ta' kuntatt ma tistax titħassar jekk diġà tkun qed tintuża b'rabta ma' notifika eżistenti. Is-CPNP tivverifika dan meta inti tissejvja.)

- **Biex iżżid Persuna ta' kuntatt ġdida:**

1. Mill-menu **Persuni ta' kuntatt**, agħżel **Persuna ta' kuntatt ġdida**.

   *Riżultat:* Tinfetaħ il-paġna *Żid persuna ta' kuntatt*:




2. Daħħal l-informazzjoni meħtieġa kollha dwar il-Persuna ta' kuntatt il-ġdida.
3. Ikklikkja **Issejvja**.

   *Riżultat:* Il-Persuna ta' kuntatt ġdida minnufih issir disponibbli biex tintuża fin-notifiki; fl-istess ħin, din se tirċievi ittra elettronika bl-informazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta.

# Distributuri li Jdaħħlu/Jaraw/Jeditjaw in-Notifiki (Artikolu 13(3))

Distributur li fi Stat Membru jqiegħed għad-dispożizzjoni prodott kożmetiku diġà mqiegħed fis-suq fi Stat Membru ieħor, u għal dak l-għan, jittraduċi, fuq inizjattiva tiegħu stess, kwalunkwe element tal-ittikkettar biex jikkonforma mad-dritt nazzjonali hu obbligat jinnotifika dan fis-CPNP wara s-sejbien tal-Persuna Responsabbli li l-ewwel tkun innotifikat il-prodott. Din l-informazzjoni kollha hi mmaniġġjata fil-menu ddedikat tad-Distribuzzjoni.

## Tidħil ta' Notifiki Ġodda Skont l-Artikolu 13(3)

♦ **Biex iddaħħal notifika ta' distribuzzjoni, ipproċedi kif ġej:**

1. Agħżel **Innotifika prodott** fit-tab **Distribuzzjoni**:




2. Agħżel **Iva** jew **Le** biex tindika jekk tafx ir-referenza unika tas-CPNP tal-prodott li tixtieq tinnotifika.
3. Jekk għażilt "**Iva**", daħħal ir-Referenza tal-Prodott as-CPNP fil-kaxxa tal-input li jmiss, u mbagħad agħżilha fil-lista ta' Referenzi tal-Prodott li jaqblu misjuba fis-CPNP:




Jew,

Jekk ma tafx ir-Referenza tal-Prodott tas-CPNP u agħżilt "**Le**" hawn fuq:

– Daħħal l-(ewwel ittri tal-)isem tal-Persuna Responsabbli għall-prodott li inti trid tiddistribwixxi.

*Riżultat:* Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, is-CPNP se turi lista limitata ta' riżultati ta' ismijiet tal-Persuna Responsabbli li jaqblu:




– Agħżel il-Persuna Responsabbli mil-lista ta' riżultati li jaqblu.

– Tal-inqas daħħal 5 karattri tal-prodott imfittex fil-kaxxa**Isem tal-prodott fl-Istat Membru tad-dispaċċ**.
(L-Istat Membru tad-dispaċċ hu l-pajjiż fejn il-prodott iddaħħal fis-suq mill-Persuna Responsabbli).

*Riżultat:* Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, tintwera lista limitata ta' ismijiet tal-prodotti li jaqblu.

– Agħżel il-prodott mixtieq fil-lista tar-riżultati proposti.

4. Agħżel l-**Istat Membru li fih jitqiegħed għad-dispożizzjoni**.
(L-Istat Membru fejn il-prodott hu disponibbli hu l-Istat Membru fejn inti tkun ser iġġib il-prodott fis-suq).




5. Speċifika **Data ta' tmiem tad-distribuzzjoni** jekk tkun meħtieġa.

6. Fil-kaxxa **Kummenti**, daħħal kwalunkwe kumment jew rimarka dwar id-distribuzzjoni jekk ikun hemm bżonn.

7. Fil-kaxxa **Isem tal-prodott tad-distributur** daħħal l-isem tal-prodott kif mogħti mid-distributur fil-pajjiż magħżul, fil-lingwa magħżula. (L-istess prodott fl-istess pajjiż jista' jiġi distribwit taħt ismijiet differenti f'lingwi differenti):



8. Jekk il-prodott qed jiġi distribwit f'aktar minn pajjiż wieħed, is-sistema tipprevedi tab għal kull pajjiż: ikklikkja l-buttuna **Żid pajjiż** biex iddaħħal it-traduzzjonijiet għal kull pajjiż.

   Tliet buttuni huma disponibbli fil-kantuniera tal-lemin fuq in-naħa ta' isfel tal-iskrin.

9. Biex tissejvja n-notifika bħala abbozz, ikklikkja **Issejvja bħala abbozz**.

   Jew,

   Meta l-informazzjoni dwar in-notifika tad-distribuzzjoni tkun kompluta, ikklikkja **Innotifika**. Imbagħad l-informazzjoni ssir disponibbli għall-Awtoritajiet Kompetenti u għaċ-Ċentri tal-Veleni. Din se tiġi marbuta man-notifika oriġinali tal-prodott li jkun qed jiġi ddistribwit. Jekk jogħġbok kun af li mhux se jkun possibbli aktar li tħassar in-notifika minn dak il-waqt. Ikunu possibbli aġġornamenti biss.

## Konsultazzjoni tan-Notifiki Skont l-Artikolu 13(3)




L-użu tal-għażla ddedikata **In-notifiki tiegħi** fil-menu **Distribuzzjoni**, id-Distributuri jistgħu jfittxu prodotti/notifiki bbażati fuq kwalunkwe taħlita tal-kriterji li ġejjin: Isem tal-Persuna Responsabbli, Referenza tal-prodott tas-CPNP, l-Istat Membru li fih jitqiegħed għad-dispożizzjoni l-prodott mid-Distributur u/jew l-Istatus tan-Notifika relatata (jiġifieri "Abbozzata" jew "Innotifikata"):



## Editjar tan-Notifiki Skont l-Artikolu 13(3)

Ladarba tkun saret tiftixa għan-notifiki skont l-Artikolu 13(3), ikklikkja ħdejn in-notifika li tixtieq teditja, taġġorna jew tikkoreġi, agħmel il-bidliet tiegħek u mbagħad ikklikkja **Issejvja**.

# Tweġib għall-Kummenti CAs/PICs

Billi jużaw it-tab **Kummenti CAs/PICs** f'paġna ta' notifika ta' prodott, l-Awtoritajiet nazzjonali Kompetenti u ċ-Ċentri tal-Veleni jistgħu jqajmu punti / iniedu diskussjonijiet ma' persuna responsabbli f'każ li jkunu jeħtieġu xi kjarifika jew ikollhom xi domanda jew kumment dwar il-prodott inkwistjoni. Awtoritajiet Kompetenti/Ċentri tal-Veleni tista' tara biss id-diskussjonijiet li huma nedew personalment, kif ukoll il-feedback għal dawn, mogħti mill-persuna responsabbli. Min-naħa l-oħra, il-Persuni Responsabbli, huma mistennija jipprovdu feedback għal kwalunkwe kumment bħal dan li jħallu l-Awtoritajiet nazzjonali Kompetenti u/jew iċ-Ċentri tal-Veleni dwar in-notifiki li huma inkarigati minnhom.

- **Biex twieġeb għal kumment:**

1. Ikklikkja l-link fin-notifika riċevuta tal-kumment li inti rċivejt b'ittra elettronika.

   Jew,

   Agħmel tiftixa u iftaħ il-prodott ikkummentat li għalih tixtieq twieġeb.
2. Agħżel it-tab **Kummenti CAs/PICs.**
3. Ikklikkja **Wieġeb** ħdejn il-kumment mixtieq.
4. Ittajpja t-tweġiba tiegħek fil-kaxxa **It-Tweġiba Tiegħek għal (…).**
5. Ikklikkja **Ibgħat**.

   *Riżultat:* It-tweġiba tiegħek tiżdied fit-tab *Kummenti CAs/PICs*; fl-istess ħin tintbagħat ittra elettronika lill-Awtorità Kompetenti jew lill-PIC li tellgħu l-kumment.

# Użu tal-Għodod tat-Tiftix

Il-menu **Prodotti** joffri 2 għażliet tat-tiftixa għas-sejbien ta' prodotti, ta' organizzazzjonijiet u ta' notifiki, jiġifieri

- Tiftixa sempliċi
- Tiftixa avvanzata

Minbarra dawn il-karatteristiċi standard ta' tiftix ta' prodott/notifika, hemm għażla ddedikata tat-Tiftix disponibbli fil-menu **Distribuzzjoni** biex tfittex prodott/notifika fuq il-bażi ta': i) l-Isem tal-Prodott fl-Istat Membru fejn id-Distributur ikun għamel il-prodott disponibbli, ii) l-Istat Membru fejn il-prodott jitqiegħed għad-dispożizzjoni mid-Distributur u/jew iii) l-istatus tan-notifika (jiġifieri "Abbozzata" jew "Innotifikata").

## Tiftixa Sempliċi

L-għażla **Tiftixa sempliċi** fil-menu **Prodotti** tippermettilek tfittex malajr għal notifiki (attwali jew verżjonijiet antiki tagħhom) billi tuża kliem ewlieni. Sabiex jitnaqqas l-ammont ta' dejta li titla', iridu jiddaħħlu **mill-inqas 5 karattri** u n-numru ta ' riżultati hu limitat għal 100.




Bħala Persuna Responsabbli, inti tista' ssib biss notifiki li inti (jew utenti li jaġixxu f'ismek) daħħalt(u) fis-sistema. Persuna Responsabbli b'diversi utenti biex jaġixxu f'isimha tista' ssib kwalunkwe notifika mdaħħla minn dawn l-utenti. Persuna Responsabbli tista' tfittex notifiki abbozzati u sottomessi.

It-tiftixiet Sempliċi dwar ismijiet ta' prodotti (inklużi ismijiet tal-Prodott Distribwit), l-ismijiet ta' komponenti, l-ismijiet ta' persuni responsabbli, l-ismijiet ta' distributuri, ir-referenzi tas-CPNP, eċċ.

Meta jkunu jeżistu diversi verżjonijiet għal notifika, kwalunkwe verżjoni preċedenti (jiġifieri storika) tintwera fuq ringiela bi sfond griż, u l-kelma "**Antika"** tidher fil-kolonna tal-"Verżjoni". Min-naħa l-oħra, il-verżjoni attwali ta' notifika dejjem tidher fuq sfond abjad.

## Tfittxija Avvanzata

L-għażla **Tiftixa avvanzata** fil-menu tal-**Prodotti** tippermettilek tfittex għal prodotti (attwali u verżjonijiet qodma tagħhom) fi ħdan is-CPNP b'kombinazzjoni ta' diversi kriterji tat-tiftix.

Il-kriterji tat-Tiftixa avvanzata huma organizzati f'żewġ tabs differenti, jiġifieri **Informazzjoni ġenerali** u **Kategorija u formulazzjoni**. Inti tista' tħaddem diversi kriterji tat-tiftix fiż-żewġ tabs fl-istess ħin. L-azzjonijiet/il-buttuni ta' rrisettjar u ta' tiftix jikkunsidraw il-kriterji tat-tiftix imdaħħla fiż-żewġ tabs.




- It-tab **Informazzjoni ġenerali** tippermettilek tfittex bil-kriterji ta' informazzjoni ġenerali li ġejjin dwar il-prodott:




- It-tab **Kategorija u formulazzjoni** tippermettilek tfittex il-kriterji li ġejjin relatati mal-kategorija u mal-formulazzjoni tal-prodott:



Meta jkunu jeżistu diversi verżjonijiet għal notifika, kwalunkwe verżjoni preċedenti (jiġifieri storika) tintwera fuq ringiela bi sfond griż, u l-kelma "**Antika"** tidher fil-kolonna tal-"Verżjoni". Min-naħa l-oħra, il-verżjoni attwali ta' notifika dejjem tidher fuq sfond abjad.

Fil-qiegħ fuq il-lemin ta' kull tiftixa, il-buttuni Irrisettja u Fittex ikunu dsponibbli biex tirrisettja l-kriterji tat-tiftixa jew inkella tniedi t-tiftixa fuq il-bażi tal-kriterji li daħħalt. Għal raġunijiet ta' prestazzjoni, ir-riżultati tat-tiftixa huma limitati għal 100 rekord.

## Konsultazzjoni tan-Notifiki

Ladarba tkun saret tiftixa sempliċi jew tiftixa avvanzata, is-CPNP se juri lista ta' notifiki li jaqblu:

Show 10 entries Search:

| Ref. CPNP | Isem il-Prodott | Il-Persuna Responsabbli | Kategorija | Isem il-Formulazzjoni | Verżjoni | L-ewwel data ta' notifika | Status | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1004964 | Burro di albicocca | EUCOSOFTWARE 1 | Face mask | KREMA, LOTION, ĠELL GĦALL-KURA TAL-ĠILDA | 1 | 2017/04/05 | Innotifikat | |
| 1005804 | Delice Hair Volume Foam | EUCOSOFTWARE 1 | Prodotti mhux ossidattivi biex jinżebagħ ix-xagħar | KOLORANT TAX-XAGĦAR (TEMPORANJU OR SEMIPERMANENTI) - LIKWIDU, KREMA, FOWM | 1 | 2017/04/05 | Innotifikat | |
| 1005827 | MARINE SKINCARE / BlueMiracle Hyaluron Feuchtigkeitsmaske | EUCOSOFTWARE 1 | Prodotti għat-tneħħija tal-make-up | PRODOTT GĦAT-TNEĦĦIJA TAL-MAKE-UP - PRODOTT GĦAT-TINDIF TAL-ĠILDA LI MA JAGĦMILX RAGĦWA (INKLUŻI PRODOTTI B'ŻEWĠ FAŻIJIET) | 1 | 2017/06/28 | Innotifikat | |

Meta jinstabu aktar minn 10 riżultati, dawn jiġu ddistribwiti fuq numru ta' paġni. Uża l-buttuna ta' bbrawżjar tal-paġna fil-qiegħ ta' kull paġna biex malajr tinnaviga minn paġna għal oħra:

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1005834 | Hairgum Cactus – Extra strong hold gel | EUCOSOFTWARE 1 | Prodotti oħra biex tirranġa x-xagħar | Prodotti oħra biex tirranġa x-xagħar | 1 | 2017/07/11 | Innotifikat | |

Showing 1 to 10 of 11 entries First Previous 1 2 Next Last

Jekk jogħġbok innota li prodott jista' jidher fuq diversi linji bl-istess Ref. tas-CPNP. Dawn huma prodotti li għalihom l-Isem ġie fornit f'aktar minn lingwa waħda. Fl-eżempju ta' hawn taħt, l-istess prodott tax-xagħar jidher bl-Ingliż u bil-Franċiż:

Show 10 entries Search:

| Ref. CPNP | Isem il-Prodott | Il-Persuna Responsabbli | Kategorija | Isem il-Formulazzjoni | Verżjoni | L-ewwel data ta' notifika | Status | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1005834 | Hairgum Cactus – Gel fixation extra forte | EUCOSOFTWARE 1 | Prodotti oħra biex tirranġa x-xagħar | Prodotti oħra biex tirranġa x-xagħar | 1 | 2017/07/11 | Innotifikat | |
| 1005834 | Hairgum Cactus – Extra strong hold gel | EUCOSOFTWARE 1 | Prodotti oħra biex tirranġa x-xagħar | Prodotti oħra biex tirranġa x-xagħar | 1 | 2017/07/11 | Innotifikat | |

Jekk jogħġbok innota wkoll li l-kolonna "Kategorji" turi kategorji tal-livell 3 biss.

Jistgħu jidhru simboli differenti għal ċerti notifiki fil-kolonna **Isem tal-Prodott**. Dawn jinkludu:

| SIMBOLU | TIFSIRA |
|---|---|
|  | L-ittikkettar oriġinali tal-prodott (u r-ritratt tal-imballaġġ, jekk raġonevolment leġġibbli) għadu ma ġiex innotifikat. Għalhekk, il-prodott għadu ma tqegħidx fis-suq. |
|  | Ċerti kummenti huma disponibbli dwar in-notifika |
|  | Il-prodott ġie ttrasferit lil Persuna Responsabbli oħra |
|  | Il-prodott ġie riċevut mingħand Persuna Responsabbli oħra |

Tista' tkompli tippersonalizza n-numru ta' riżultati li tixtieq tara fuq kull paġna billi tuża l-kaxxa tal-għażla **Uri** fuq nett fuq il-lemin tal-paġna:




Żewġ ikoni, jiġifieri  u , huma disponibbli fuq nett fuq il-lemin tat-tabella tar-riżultati għall-esportazzjoni tal-lista f'format PDF jew XLS.

# Appendiċi

## Regoli dwar Ingredjenti Speċifiċi Ta' Tħassib U/Jew il-Valuri tal-pH

### Regola 1 – Etanol u/jew isopropanol

Il-perċentwal tal-piżijiet (w/w) tal-etanol u/jew isopropanol irid ikun speċifikat għall-prodotti kollha.

Notifika aġġornata hi meħtieġa meta l-kontenut ta' kwalunwke ingredjent jew taż-żewġ ingredjenti jinbidel b'aktar minn:

- 5 jekk il-valur iddikjarat preċedentement hu < 30 %
  Eżempji: Bidla minn 20 % ta' etanol għal 26 % etanol tikkostitwixxi bidla ta' 6 fil-kontenut tal-etanol fil-formulazzjoni u għalhekk teħtieġ notifika aġġornata.
  Bidla minn 20 % ta' etanol u 20 % ta' isopropanol għal 23 % ta' etanol u 24 % ta' isopropanol tikkostitwixxi bidla ta' 7 tat-total ta' etanol u isopropanol fil-formulazzjoni u għalhekk teħtieġ notifika aġġornata.
- 10 jekk il-valur iddikjarat preċedentement hu ≥ 30 %
  Jekk etanol jew isopropanol ma jkunux preżenti fil-prodott kożmetiku, allura trid tiġi mmarkata "mhux applikabbli".

Noti:
– dikjarazzjonijiet tal-perċentwal tal-piżijiet jistgħu jiġu mqarrba għall-aktar numru sħiħ viċin
– jekk il-perċentwal tal-piż ikun inqas minn 1 %, dan jista' jiġi speċifikat bħala 1 %.

### Regola 2 – Prodotti kontra l-brija

**L-isem INCI u l-konċentrazzjoni tal-aġent(i) kontra l-brija jridu jiġu speċifikati.**

Notifika aġġornata hi meħtieġa meta l-konċentrazzjoni tal-aġent kontra l-brija tinbidel b'aktar minn 20 % tal-valur iddikjarat preċedentement. Jekk il-bidla hi żieda, din ma għandhiex taqbeż il-konċentrazzjonijiet massimi awtorizzati skont l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

### Regola 3 – Prodotti biex ma jaqax ix-xagħar

**L-isem INCI u l-konċentrazzjoni tal-aġent(i) biex ma jaqax ix-xagħar iridu jiġu speċifikati.**

Notifika aġġornata hi meħtieġa meta l-konċentrazzjoni tal-aġent biex ma jaqax ix-xagħar tinbidel b'aktar minn 20 % tal-valur iddikjarat preċedentement. Jekk il-bidla hi żieda, din ma għandhiex taqbeż il-konċentrazzjonijiet massimi awtorizzati skont l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

## Regola 4 – Prodotti li jiċċaraw il-ġilda li jkun fihom aġent(i) kontra l-pigmentazzjoni u/jew li jneħħu l-pigmentazzjoni

**L-isem INCI u l-konċentrazzjoni tal-aġent(i) kontra l-pigmentazzjoni u li jneħħi(u) l-pigmentazzjoni jridu jiġu speċifikati.**

Notifika aġġornata hi meħtieġa meta l-konċentrazzjoni ta' mill-inqas aġent wieħed tinbidel b'aktar minn 20 % tal-valur iddikjarat preċedentement. Jekk il-bidla hi żieda, din ma għandhiex taqbeż il-konċentrazzjonijiet massimi awtorizzati skont l-annessi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

*Jekk aġent jew aġenti kontra l-pigmentazzjoni jew li jneħħu l-pigmentazzjoni ma jkunux preżenti fil-prodott kożmetiku, trid tiġi mmarkata "mhux applikabbli".*

## Regola 5 – Prodotti ta' esfoljazzjoni kimika li fihom aġent(i) esfoljant(i) kimiċ(i) (eż. aċidu lattiku, aċidu glikoliku, aċidu saliċiliku)

**L-isem INCI u l-konċentrazzjoni tal-aġent(i) tal-esfoljanti kimiċi jridu jiġu speċifikati.**

Notifika aġġornata hi meħtieġa meta l-konċentrazzjoni tinbidel b'aktar minn 20 % tal-valur iddikjarat preċedentement. Jekk il-bidla hi żieda, din ma għandhiex taqbeż il-konċentrazzjonijiet massimi awtorizzati skont l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

## Regola 6 – Prodotti li fihom vitamina A u derivati (eż. retinol, esteri tar-retinil)

**Il-kontenut preċiż tal-vitamina A jew kwalunkwe mid-derivati tagħha jrid jiġi speċifikat jekk il-valur jaqbeż 0.20 % (ikkalkulat bħala retinol) jew jekk l-ammont jaqbeż 0.09 grammi (ikkalkulati bħala retinol) għall-prodott kollu.**

Notifika aġġornata hi meħtieġa meta l-konċentrazzjoni tal-vitamina A jew derivati tinbidel b'aktar minn 20 % tal-valur iddikjarat preċedentement. Jekk il-bidla hi żieda, din ma għandhiex taqbeż il-konċentrazzjonijiet massimi awtorizzati skont l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

*Jekk il-livell tal-vitamina A jew kwalunkwe mid-derivati tagħha ma jaqbiżx 0.20 % (ikkalkulat bħala retinol) jew jekk l-ammont ma jaqbiżx 0.09 grammi (ikkalkulati bħala retinol) jew jekk il-vitamina A jew kwalunkwe mid-derivati tagħha ma jkunux preżenti fil-prodott, trid tiġi mmarkata "mhux applikabbli".*

## Regola 7 – Prodotti li fihom derivati ta' ksantina (eż. kaffeina, teofillina, teobromin, estratti tal-pjanti li fihom derivati ta' ksantina eż. estratti/trab ta' Paulinia cupana (gwarana)

**Jekk prodott ikun fih aktar minn 0.5 % derivati ta' ksantina, l-isem INCI u l-konċentrazzjoni tad-derivat(i) iridu jiġu speċifikati.**

**Notifika aġġornata hi meħtieġa meta l-konċentrazzjoni tinbidel b'aktar minn 20 % tal-valur iddikjarat preċedentement.**

*Jekk derivati ta' ksantina ma jkunux preżenti jew ikunu preżenti b'inqas minn 0.5 % fil-prodott kożmetiku, trid tiġi mmarkata "mhux applikabbli".*

## Regola 8 – Prodotti li fihom aġenti tensjoattivi katjoniċi bi tlieta jew erba' ktajjen jew gruppi b'tul iqsar minn C12 (inklużi gruppi dritti, bil-fergħat, ċikliċi jew aromatiċi)

**L-isem INCI u l-konċentrazzjoni ta ' dawn l-aġenti tensjoattivi katjoniċi jridu jiġu speċifikati jekk l-aġent tensjoattiv jintuża għal skop mhux ta' preservazzjoni.**

Notifika aġġornata hi meħtieġa meta l-konċentrazzjoni tinbidel b'aktar minn 20 % tal-valur iddikjarat preċedentement. Jekk il-bidla hi żieda, din ma għandhiex taqbeż il-konċentrazzjonijiet massimi awtorizzati skont l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

Eżempji tipiċi ta' aġenti tensjoattivi katjoniċi koperti b'din ir-regola huma:

- klorur tal-beenalkonju
- klorur tal-beentrimonju
- klorur taċ-ċetrimonju
- klorur tad-dodeċilbenżiltrimonju

*Jekk aġenti tensjoattivi katjoniċi ma jkunux preżenti fil-prodott, trid tiġi mmarkata "mhux applikabbli".*

## Regola 9 – Prodotti li fihom il-propellanti

**L-isem INCI u l-konċentrazzjoni ta' kull propellant iridu jiġu speċifikati.**

Notifika aġġornata hi meħtieġa meta waħda minn dawn il-konċentrazzjonijiet tinbidel b'aktar minn 20 % tal-valur iddikjarat preċedentement. Jekk il-bidla hi żieda, din ma għandhiex taqbeż il-konċentrazzjonijiet massimi awtorizzati skont l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

*Jekk il-propellanti ma jkunux preżenti fil-prodott, trid tiġi mmarkata "mhux applikabbli".*

Din ir-regola tikkonċerna prodotti bl-isprej aerosol u kwalunkwe prodott ieħor li huwa preżenti fl-isprej aerosol.

Prodotti oħra jistgħu jiġu ppreżentati f'imballaġġ taħt pressjoni iżda ma joħolqux sprejs aerosol malli jiġu applikati. Hemm bżonn li dan ikun indikat bħala "kontenitur taħt pressjoni – prodott mhux sprej" fl-attribut "applikatur speċjali". F'dan il-każ tista' tintgħażel Formulazzjoni ta' Qafas applikabbli għall-prodott, anke jekk ma jsemmix speċifikament il-propellanti.

## Regola 10 – Prodotti li fihom jew jirrilaxxaw il-perossidu tal-idroġenu

**Il-konċentrazzjoni tal-perossidu tal-idroġenu u/jew isem INCI u l-konċentrazzjoni tal-komposti li jirrilaxxaw perossidu tal-idroġenu jridu jiġu speċifikati.**

Notifika aġġornata hi meħtieġa meta l-konċentrazzjoni tinbidel b'aktar minn 20 % tal-valur iddikjarat preċedentement. Jekk il-bidla hi żieda, din ma għandhiex taqbeż il-konċentrazzjonijiet massimi awtorizzati skont l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

*Jekk il-perossidu tal-idroġenu u komposti li jirrilaxxaw il-perossidu tal-idroġenu ma jkunux preżenti fil-prodott, trid tiġi mmarkata "mhux applikabbli".*

Din ir-regola tikkonċerna prodotti koloranti tax-xagħar, prodotti tal-bliċ tax-xagħar, prodotti għax-xagħar imġiegħed b'mod permanenti, u prodotti li jillixxaw ix-xagħar.

## Regola 11 – Prodotti li fihom aġenti riduċenti

**L-isem INCI u l-konċentrazzjoni ta' kull aġent riduċent iridu jiġu speċifikati.**

Notifika aġġornata hi meħtieġa meta waħda minn dawn il-konċentrazzjonijiet tinbidel b'aktar minn 20 % tal-valur iddikjarat preċedentement. Jekk il-bidla hi żieda, din ma għandhiex taqbeż il-konċentrazzjonijiet massimi awtorizzati skont l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

Din ir-regola tikkonċerna depilatorji, żebgħa tax-xagħar, prodotti li jneħħu ż-żebgħa u prodotti għax-xagħar imġiegħed b'mod permanenti.

Eżempji għal aġenti riduċenti li jintużaw tipikament huma:
- tijogliċerina,
- aċidu tijoglikoliku u l-imluħ tiegħu (tijoglikolat tal-ammonju, etanolammina tijoglikolat)
- tijolaktat tal-ammonju
- ċisteina HCl
- sulfit tas-sodju
- metabisulfit tas-sodju
- idrossimetan sulfonat tas-sodju
- idrossisulfit tas-sodju
- sulfuri tal-alkalina u tal-alkalina tal-art

*Jekk aġent(i) riduċent(i) ma jkunux preżenti fil-prodott, għandha tiġi mmarkata "mhux applikabbli".*

## Regola 12 – Prodotti li fihom persulfati

**L-isem INCI u l-konċentrazzjoni ta' kull persulfat iridu jiġu speċifikati.**

Notifika aġġornata hi meħtieġa meta waħda minn dawn il-konċentrazzjonijiet tinbidel b'aktar minn 20 % tal-valur iddikjarat preċedentement. Jekk il-bidla hi żieda, din ma għandhiex taqbeż il-konċentrazzjonijiet massimi awtorizzati skont l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

*Jekk ma jkunx hemm persulfat(i) fil-prodott, trid tiġi mmarkata "mhux applikabbli".*

## Regola 13 – Prodotti li fihom aġenti li jillixxaw ix-xagħar

**L-isem INCI u l-konċentrazzjoni tal-aġenti li jillixxaw ix-xagħar iridu jiġu speċifikati.**

Notifika aġġornata hi meħtieġa meta waħda minn dawn il-konċentrazzjonijiet tinbidel b'aktar minn 20 % tal-valur iddikjarat preċedentement. Jekk il-bidla hi żieda, din ma għandhiex taqbeż il-konċentrazzjonijiet massimi awtorizzati skont l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

Eżempji ta' **aġenti li jillixxaw li jintużaw tipikament** jinkludu:

- idrossidu tas-sodju, idrossidu tal-potassju, idrossidu tal-litju
- ċitrat tal-potassju
- idrossidu tal-kalċju
- karbonat tal-gwandina
- aġenti riduċenti:
- tijoglikolat tal-ammonju
- tijolaktat tal-ammonju
- ċisteina HCl
- tijoglikolat tal-etanolammina

## Regola 14 – Imluħa/kubi għall-banju li fihom imluħa tas-sodju inorganiċi

**Il-konċentrazzjoni totali tal-imluħa tas-sodju trid tiġi speċifikata.**

Notifika aġġornata hi meħtieġa meta l-konċentrazzjoni totali tal-imluħa tas-sodju inorganiċi tinbidel b'aktar minn 20 % tal-valur iddikjarat preċedentement. Jekk il-bidla hi żieda, din ma għandhiex taqbeż il-konċentrazzjonijiet massimi awtorizzati skont l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

## Regola 15 –Toothpastes u likwidu għat-tlaħliħ tal-ħalq li fihom komposti tal-fluworur

**Il-konċentrazzjoni tal-komposti tal-fluworur (ikkalkulati bħala Fluworu), trid tiġi speċifikata.**

Notifika aġġornata hi meħtieġa meta l-konċentrazzjoni tal-fluworu tinbidel b'aktar minn 20 % tal-valur iddikjarat preċedentement. Jekk il-bidla hi żieda, din ma għandhiex taqbeż il-konċentrazzjonijiet massimi awtorizzati skont l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

*Jekk komposti tal-fluworur ma jkunux preżenti fil-prodott, trid tiġi mmarkata "mhux applikabbli".*

## Regola 16 – Prodotti bil-pH aktar baxx minn 3 jew ogħla minn 10, u l-pH tal-prodotti taż-żebgħa tax-xagħar

Il-pH ta' **prodotti b'komponent wieħed jew komponent individwali (apparti żebgħa tax-xagħar)** irid jiġi speċifikat fl-attribut tal-pH jekk ikun aktar baxx minn 3 jew ogħla minn 10.

F'każ li l-**prodotti b'diversi komponenti (apparti żebgħa tax-xagħar)** li jiġu mħallta qabel jintużaw, il-pH tal-prodott imħallat irid jiġi speċifikat fl-attribut rispettiv tal-pH jekk ikun aktar baxx minn 3 jew ogħla minn 10.

Huwa rikonoxxut li proporzjonijiet differenti ta' taħlit tal-komponenti (*eż*. biex jinkisbu qawwiet differenti) jistgħu jwasslu għal varjazzjonijiet fil-pH. F'każ li l-pH preċiż ma jkunx jista' jiġi stabbilit għall-prodott imħallat, il-pH jista' jiġi espress fil-forma ta' medda ta' mhux aktar minn unità waħda (*eż*. 9.5 – 10.5).

Fil-każ ta' **żebgħa tax-xagħar ta' komponent wieħed jew ta' diversi komponenti**, il-pH irid ikun indikat dejjem, anke jekk ikun fil-medda ta' pH 3 sa pH 10.

Madankollu minħabba l-varjazzjonijiet tal-pH bejn l-ilwien tal-istess prodott, l-indikazzjoni ta' pH preċiża tista' ma tkunx rilevanti. Għal dawn il-prodotti, il-pH tal-komponenti u l-prodotti mħallta jista' jiġi espress fil-forma ta' medda ta' mhux aktar minn unità waħda (*eż*. 8.5 – 9.5)

Fil-każijiet kollha ta' hawn fuq, notifika aġġornata hi meħtieġa meta l-pH iddikjarat preċedentement jinbidel b'aktar minn 0.5.

**Għal kwalunkwe prodott jew komponent bil-pH ogħla minn 10, l-isem INCI u l-konċentrazzoni ta' kull aġent alkalin, u – jekk applikabbli – liberatur tal-idrossidu tal-ammonju jridu jiġu speċifikati.**

Notifika aġġornata hi meħtieġa meta waħda minn dawn il-konċentrazzjonijiet tinbidel b'aktar minn 20 % tal-valur iddikjarat preċedentement. Jekk il-bidla hi żieda, din ma għandhiex taqbeż il-konċentrazzjonijiet massimi awtorizzati skont l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

Eżempji għal aġenti alkalini użati tipikament huma:

- idrossidu tas-sodju/tal-potassju
- karbonat tas-sodju/tal-potassju
- metasilikat tas-sodju/tal-potassju
- ossidu tal-kalċju
- idrossidu tal-ammonju
- etanolammina
- liberatur tal-idrossidu tal-ammonju tipiku huwa
- klorur tal-ammonju

## Regola 17 – Prodotti li fihom żjut essenzjali, ganfra, mentol jew ewkaliptol

**Ħlief għal fwieħa jew xi kategoriji ta' prodotti limitati oħra, meta manifattur jintroduċi fil-formula żjut essenzjali, camfor, mentol jew ewkaliptol b'livell totali ogħla minn 0.5 %, trid tiġi indikata l-konċentrazzjoni tal-livell totali.**

*Jekk żjut essenzjali, camfor, mentol jew ewkaliptol ma jkunux preżenti fil-prodott jew il-livell taż-żjut essenzjali, camfor, mentol u ewkaliptol ma jaqbiżx 0.5 %, irid jiġi mmarkat "mhux applikabbli".*

**Għal kull żejt essenzjali u camfor, mentol jew ewkaliptol individwali b'livell ogħla minn 0.5 % (0.15 % fil-każ tal-camfor), il-manifattur irid jiddikjara l-isem u l-kwantità ta' dan iż-żejt essenzjali/ derivat taż-żejt essenzjali.**

**Jekk ma jkun preżenti ebda żejt essenzjali, camfor, mentol jew ewkaliptol b'livell ogħla minn 0.5 % (0.15 % fil-każ ta' camfor), trid tiġi mmarkata "mhux applikabbli".**

**Notifika aġġornata hi meħtieġa meta l-konċentrazzjoni tinbidel b'aktar minn 20 % tal-valur iddikjarat preċedentement.** Jekk il-bidla hi żieda, din ma għandhiex taqbeż il-konċentrazzjonijiet massimi awtorizzati skont l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

## Regola 18 – Ingredjenti Oħra

Minbarra r-regoli ta' hawn fuq, numru ta' sustanzi ġew identifikati miċ-Ċentri ta' Kontroll ta' Veleni Ewropej bħala li jippreżentaw tħassib partikolari rigward emerġenza akuta ta' vvelenar.

Il-konċentrazzjoni, aktar mil-limitu indikat, ta' kwalunkwe minn dawn l-ingredjenti f'formulazzjoni trid tiġi speċifikata. Jekk ma jkun indikat ebda limitu, il-konċentrazzjoni trid tiġi speċifikata dejjem.

Notifika aġġornata hi meħtieġa meta l-konċentrazzjoni tinbidel b'aktar minn 20 % tal-valur iddikjarat preċedentement. Jekk il-bidla hi żieda, din ma għandhiex taqbeż il-konċentrazzjonijiet massimi awtorizzati skont l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

Glikoli u Eteri tal-glikol

BUTET-2 AĊETAT (ogħla minn 1 %)
BUTOSSIDIGLIKOL (ogħla minn 1 %)
BUTOSSIETANOL (ogħla minn 1 %)
AĊETAT BUTOSSETILIKU (ogħla minn 1 %)
DIETOSSIDIGLIKOL (ogħla minn 1 %)
GLIKOL TAD-DIPROPILEN (ogħla minn 10 %)
ETER TAD-DIMETIL TAL-GLIKOL TAD-DIPROPILEN (ogħla minn 10 %)
ETER TAL-ISOBORNIL TAL-GLIKOL TAD-DIPROPILEN (ogħla minn 10 %)
ETOSSIDIGLIKOL (ogħla minn 1 %)
AĊETAT TAL-ETOSSIDIGLIKOL (ogħla minn 1 %)
GLIKOL (ogħla minn 1 %)
ETERI TAL-GLIKOL (mhux polimeri) (ogħla minn 1 %)
METOSSIISOPROPANOL (ogħla minn 10 %)
AĊETAT TAL-METOSSIISOPROPIL (ogħla minn 10 %)
PPG-2 METIL ETERE (ogħla minn 10 %)
AĊETAT PPG-2 METIL ETERE (ogħla minn 10 %)
GLIKOL TAL-PROPILEN (ogħla minn 10 %)
ETERE BUTILIKU TAL-GLIKOL TAL-PROPIEN (ogħla minn 10 %)

Solventi tal-idrokarburi

ĊIKLOEŻAN (ogħla minn 5 %)
DIDODEĊEN IDROĠENAT (ogħla minn 5 %)
ISOPENTAN (ogħla minn 5 %)
PENTAN (ogħla minn 5 %)
TOLUWEN (ogħla minn 5 %)
TREMENTINA (ogħla minn 5 %)

Alkoħols li mhumiex etanol u isopropanol

ALKOĦOL BENŻILIKU (ogħla minn 1 %)
ALKOĦOL FURFURIL (ogħla minn 1 %)
ALKOĦOL EŻILIKU (ogħla minn 5 %)
ALKOĦOL N-BUTILIKU (ogħla minn 1 %)
ALKOĦOL PROPILIKU (ogħla minn 1 %)
ALKOĦOL T-BUTILIKU (ogħla minn 1 %)

Oħrajn

AĊETON (ogħla minn 5 %)

BENŻOAT TAL-BENŻIL (ogħla minn 1 %)
SULFAT TAL-BRUĊINA
AĊETAT BUTILIKU (ogħla minn 1 %)
BUTIROLATTON (ogħla minn 0.1 %)
AĊETAT BUTOSSETILIKU (ogħla minn 1 %)
AĊIDU KLOROPLATINIKU (ogħla minn 0.1 %)
SULFAT TAR-RAM (ogħla minn 0.1 %)
ĊIKLOEŻANON (ogħla minn 5 %)
DIMETILTOLILAMMINA (ogħla minn 0.1 %)
AĊETAT ETILIKU (ogħla minn 1 %)
ETERE ETILIKU (ogħla minn 5 %)
FORMALDEID (ogħla minn 0.2 %)
IDROSSILAMMINA HCL; SULFAT TAL-IDROSSILAMMINA (ogħla minn 1 %)
M-KREŻOL, O-KREŻOL, P-KREŻOL, KREŻOLI MĦALLTA (ogħla minn 0.1 %)
MEK (ogħla minn 5 %)
AĊETAT METILIKU (ogħla minn 0.1 %)
PIRROLIDON METILIKU (ogħla minn 5 %)
MIBK (ogħla minn 5 %)
KLORAT TA-POTASSJU (ogħla minn 0.1 %)
KLORAT TAS-SODJU (ogħla minn 0.1 %)
FOSFAT TAT-TRIETIL (ogħla minn 0.1 %)

L-utent għandu wkoll jinnotifika fil-qasam iddedikat kwalunkwe informazzjoni oħra fuq il-prodott li tkun ta' importanza għaċ-Ċentri tal-Veleni jew korpi simili, fejn dawn iċ-ċentri jew korpi jkunu ġew stabbiliti mill-Istati Membri (billi jintuża l-Ingliż biss).

Nota: Formulazzjonijiet ta' qafas li jsemmu "AQUA" jkopru wkoll prodotti li fihom ilma li ma jkunx miżjud bħala ingredjent iżda permezz ta' riport minn estratti tal-pjanti milwiema, meraq tal-frott, eċċ.

# Indiċi


## (

(KE) Nru 1223/2009 dwar is-CPNP .1

## A

Aċetat butiliku ....63
Aġenti alkalini ....62
Aġenti kontra l-pigmentazzjoni ....58
Aġenti li jillixxaw ix-xagħar ....61
Aġenti li jneħħu l-pigmentazzjoni ....58
Aġenti riduċenti ....60
Aġenti ta' esfoljazzjoni ....58
Aġenti tensjoattivi katjoniċi ....59
Alkoħols ....63
Ammin ....9
Amministratur lokali ....4
Applikatur ....42
AQUA ....64
Artikoli 13(1) u 13(2) ....55
Artikolu 13(3) ....47
Avvelenament akut ....63
Awtoritajiet Kompetenti ....2

## C

Ċaqliq tal-prodotti ....39
Ċentri tal-Veleni ....2
Ċisteina HCl ....61
Ċitrat tal-potassju ....61
CMR ....11, 17
CosIng ....2

## D

Distributuri ....2, 3
Distribuzzjoni ....9

## E

Editja l-prodott ....34
Esteri tal-glikol ....63
Esteri tar-retinil ....58
Etanol ....57
EU Login ....3, 6
Ewkaliptol ....62

## F

Forma fiżika ....42, 43
Formulazzjoni ....42
Formulazzjoni ta' qafas ....3
Formulazzjonijiet ta' qafas ....64

## G

Ganfra ....62
Glikoli ....63

## I

Iċċarar tal-ġilda ....58
ID ....37
ID tal-Persuna Responsabbli ....37
Idduplika prodott ....36, 42
Ikkopjar tal-prodotti ....37
Il-Persuna Responsabbli ....43
Il-pH ....43, 61
Imluħa tas-sodju inorganiċi ....61
Imluħa/kubi għall-banju ....61
Importatur ....3
Ingredjenti perikolużi ....42
Ingredjenti ta' tħassib ....43
  regoli ....57
In-notifiki tiegħi ....8
Ir-Regolament ....1
Isopropanol ....57
Ittikkettar oriġinali ....42, 43, 44

## K

Kategorija u formulazzjoni ....53
Klorur taċ-ċetrimonju ....59
Klorur tad-dodeċilbenżiltrimonju ....59
Klorur tal-beenalkonju ....59
Klorur tal-beentrimonju ....59
Komponenti ....43
  formulazzjoni ....43
  kompożizzjoni ....43
  nanomaterjali ....43
  Sustanzi CMR ....43
Komposti tal-fluworur ....61
Kompożizzjoni ....43
Korrezzjoni ....35
Ksantina ....59

## L

Likwidi għat-tlaħliħ tal-ħalq ....61
Lingwa ....10
Links utli ....9
Login ....6
Login tal-utent ....6

## M

Mentol ... 62

## N

Nanomaterjali ... 4, 9, 11, 18, 42
Nanomaterjali ... 43
Navigazzjoni ... 8
Notifiki ... 41, 55
  Artikolu 13(3) ... 47
Notifiki tad-distribuzzjoni ... 47

## O

Oħroġ ... 10
Organizzazzjoni ... 4

## P

Paġna ewlenija ... 8
Password ... 6
PDF ... 42, 44
Perossidu tal-idroġenu ... 60
Persulfati ... 60
Persuna ta’ kuntatt ... 43
Persuni Responsabbli ... 2, 5
Persuni ta' kuntatt ... 9, 45
Prodott duplikat ... 44
Prodott kożmetiku ... 2
Prodotti ... 8, 41
  b’aktar minn komponent wieħed ... 43
  b’komponent wieħed ... 41
  ċaqlaq għas-suborganizzazzjoni ... 39
  ikkopja ... 37
  kompożizzjoni ... 43
Prodotti b’aktar minn komponent wieħed ... 43
Prodotti b’komponent wieħed ... 41
Prodotti biex ma jaqax ix-xagħar ... 57
Prodotti għall-esfoljazzjoni kimika ... 58
Prodotti kontra l-brija ... 57
Profil ... 10
Propellanti ... 59

## Q

Qarrejja ... 2

## R

Referenza tal-industrija ... 41, 43
Referenza tas-CPNP ... 41, 43
Rekwiżiti tas-sistema ... 6
Retinol ... 58
Riċerka tal-organizzazzjoni ... 8

## S

SAAS ... 5, 6
Servizz fuq il-web għat-tlugħ ta’ fajls ... 9
Solventi tal-idrokarburi ... 63
Stqarrija ta’ privatezza ... 10
Sustanzi CMR ... 2, 42, 43

## T

Tiftixa ... 8, 52
Tiftixa avvanzata ... 8, 52
Tiftixa sempliċi ... 8, 52
Tip ta’ modifika ... 34
Tip ta’ notifika ... 43
Toothpastes ... 61
Tqegħid fis-suq ... 4
Tutorial ... 7

## U

Udjenza ... 2

## V

Verżjoni ... 41
Verżjonijiet ... 41, 42, 43, 44
Vitamina A ... 58

## Z

Żbarra tal-menu ... 8
Żjut essenzjali ... 62